



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9346/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0137(NLE)

EDUC 268
SOC 439
EMPL 341
JEUN 57
COMPET 303
ECOFIN 558

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 275 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 275 final.

Mehmuż: COM(2020) 275 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2020
COM(2020) 275 final

2020/0137 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-
ġustizzja soċjali u r-reżiljenza**

{SWD(2020) 123 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)¹ għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza kienet imħabbra fil-Komunikazzjoni “Ewropa Soċjali B’saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti” tal-14 ta’ Jannar 2020². Il-proposta hi parti importanti mill-implimentazzjoni tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** li jsaħħaħ il-prinċipju 1 “edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja”.

“Il-Politika komuni għat-taħriġ vokazzjonali” kif definita fit-Trattat ta’ Ruma, imxiet ’il quddiem permezz tat-tnedija tal-proċess ta’ Copenhagen fl-2002 li laqqa’ flimkien l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-Kummissjoni, u li ġiet appoġġata wkoll minn assoċjazzjonijiet tal-fornituri tal-VET. **Il-VET huma responsabbli għal madwar nofs il-gradwati tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-Unjoni Ewropea.** Il-VET jħejju liż-żgħażaġh biex jidħlu b’suċċess fil-ħajja tax-xogħol u jindirizzaw il-bżonnijiet tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni f’età li jaħdmu għal skopijiet diversi: sabiex jgħinu lill-persuni f’impjieg jissoktaw itejbu ħilithom, jaġġustaw ir-rekwiżiti tax-xogħol li kulma jmur jinbidlu jew jinneogzjaw bidliet fix-xogħol, u sabiex jgħinu lil min hu qiegħed biex jikseb il-ħiliet meħtieġa biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; u b’mod aktar ġenerali sabiex jagħtu aktar setgħa lill-istudenti permezz tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-attitudnijiet, biex jirnexxu fl-iżvilupp professjonali, soċjali u personali tagħhom.

Il-pandemija tal-COVID-19 fixklet bil-kbir l-attivitajiet standard ta’ edukazzjoni u ta’ taħriġ, inkluż il-VET madwar l-Ewropa. Minkejja l-fatt li l-Istati Membri malajr imxew lejn soluzzjonijiet ta’ apprendiment diġitali, il-lockdown u l-kriżi sussegwenti kienu ta’ prova għar-reżiljenza tas-sistema. Il-qagħda fil-VET ġiet aggravata aktar minħabba l-fatt li t-taħriġ Prattiku — f’għamla ta’ apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u ta’ apprendistati — ġie sospiż fil-biċċa l-kbira tas-setturi³.

L-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 joffri opportunità biex ir-riformi fil-VET jiġu aċċellerati u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom, b’mod partikolari billi l-offerti u l-metodu ta’ apprendiment jiġu diġitalizzati u bl-adattament aġli għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Dan jinkludi l-attenzjoni li tingħata għall-bżonn li jiġi żgurat aċċess għall-għodda u għat-teknoloġiji diġitali għal kull student, għalliem u min iħarreġ, kif ukoll għall-miżuri ta’ gwida xierqa. L-għodda diġitali bħas-simulaturi, bħar-realtà virtwali u awmentata għandhom il-potenzjal li jżidu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tat-taħriġ, b’mod partikolari għall-kumpaniji ta’ daqs żgħir u medji li jipprovdu apprendistati. Hawnhekk iċ-ċentri għat-taħriġ fil-kumpaniji u iċ-Ċentri ta’ Eċċellenza Vokazzjonali għandhom rwol importanti.

Il-pandemija mistennija twassal għall-akbar reċessjoni fl-istorja tal-UE u ż-żgħażaġh li

¹ L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jinftiehem bħala l-edukazzjoni u t-taħriġ bl-għan li ż-żgħażaġh u l-adulti jingħataw l-għarfien, in-know-how, il-ħiliet u/jew il-kompetenzi meħtieġa fi professjonijiet partikolari jew b’mod aktar ġenerali fis-suq tax-xogħol u dawn jistgħu jiġu pprovduti f’ambjent formali u mhux formali, fil-livelli kollha tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki li jinkludi l-livell terzjarju.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Ewropa Soċjali B’saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti”, COM(2020) 14 final.

³

https://www.cedefop.europa.eu/files/cedefop_community_apprenticeship_experts_synthesis_how_are_european_countries_managing_apprenticeships_to_respond_to_the_coronavirus_crisis.pdf

bħalissa dehlina fil-forza tax-xogħol se jsibuha itqal biex jiksibu l-ewwel impjieg tagħhom⁴. Il-kriżijiet ta' qabel urew li ż-żgħażaġħ huma tassew dawk li probabbilment l-aktar li se jintlaqtu ħażin. Għaldaqstant, li s-sistemi tal-VET ikomplu jissaħħu hu kruċjali għall-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19, peress li l-VET wrew li kienu parti essenzjali mill-isforzi biex jiġi appoġġat l-impjieg taż-żgħażaġħ fil-kriżi ekonomika u finanzjarja preċedenti. B'mod partikolari, l-apprendistati, l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, iżda wkoll il-programmi tal-VET li ġew implimentati fi żmien qasir biex jiffukaw fuq il-persuni qiegħda, urew li kienu perkorsi għaż-żieda fl-impjegabbiltà u għall-aċċess jew għar-ritorn eħfef lejn is-suq tax-xogħol⁵. Din il-proposta se tikkontribwixxi għal offerti ta' kwalità għolja, b'mod partikolari ta' apprendistati u ta' programmi vokazzjonali oħrajn fl-iskema ta' **Garanzija għaż-żgħażaġħ** billi tiżgura r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tagħhom, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali tal-VET. Se titlob ukoll għal appoġġ aktar b'saħħtu għall-apprendistati u tappella lill-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati biex iġġedded u tkattar l-impenn tagħha lejn opportunitajiet ta' apprendistati effettivi u ta' kwalità.

Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-VET hi meħtieġa wkoll peress li **d-dinja tax-xogħol u tal-ħiliet qed tinbidel**. Żviluppi li għaddejjin bħalissa bħall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-produzzjoni u tas-servizzi jissoktaw jimmodifikaw is-swieq tax-xogħol. Barra minn hekk, it-tranżizzjonijiet tewmin usa' lejn **ekonomija aktar diġitali u ekoloġika** se jitolbu li l-VET jaddattaw sabiex l-istudenti vokazzjonali jiksibu l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jergħu jikkonfermaw u jsaħħu r-rwol ċentrali tal-VET **fil-kontinwazzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja**. F'dan ir-rigward b'mod partikolari, huwa essenzjali li jkun hemm apprendiment trażversali li jqarreb l-oqsma ta' apprendiment mifruda formalment jew paralleli pereżempju fis-settur tas-saħħa u tal-ambjent⁶.

Bil-qafas ta' politika għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u bil-prijoritajiet speċifiċi għall-VET li jintemmu fl-2020, hemm opportunità biex tiġi definita aġenda ta' politika ġdida u aktar ambizzjuża tal-Unjoni dwar il-VET li twieġeb għall-isfidi deskritti hawn fuq. Jenħtieġ li l-oġettiv globali jkun li l-politika tal-VET tal-UE tiġi modernizzata biex tissodisfa l-ħtiġijiet vasti marbuta mat-tiġib tal-ħiliet u mat-taħriġ mill-ġdid biex hekk tintlaħaq l-ambizzjoni tal-UE li din ikollha politika tal-VET addattata għall-isfidi tas-seklu 21, b'mod partikolari biex tgħin fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u biex tikkontribwixxi għall-bini ta' Unjoni Ewropea aktar sostenibbli, ġusta u reżiljenti.

Il-proposta hi inkorporata sew f'inizjattivi oħra li se tieħu l-Kummissjoni fil-qafas tal-politika tagħha, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza⁷, il-Komunikazzjoni dwar l-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażaġħ: pont għall-impjiegi għall-ġenerazzjoni li jmiss⁸, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tkopri l-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u ta' taħriġ.

⁴ European Economic Forecast, Spring 2020. Institutional paper 125, Mejju 2020. Il-Kummissjoni Ewropea.

⁵ Ir-rati ta' impjieg tal-gradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kienu qed jiżdiedu bil-mod il-mod minn 73,7 % fl-2009 għal 79,5 % fl-2018.

⁶ Bħal pereżempju kif irrakkomandat fil-Komunikazzjoni tal-2019 dwar Approċċ Strateġiku għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019DC0128&qid=1593102323823&from=EN>

⁷ COM(2020) 274 final

⁸ COM(2020) 276 final

- **Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta**

Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-VET għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza għandha l-għan li ġġedded il-politika tal-VET tal-UE billi:

- (a) **timmodernizza l-politika tal-Unjoni dwar il-VET** billi tappoġġa t-tranżizzjonijiet lejn ekonomija ekoloġika u diġitali fi żminijiet ta' tibdil demografiku u tappoġġa wkoll konverġenza 'l fuq tas-sistemi nazzjonali. Minħabba r-rwol kruċjali li għandhom il-VET, u b'mod partikolari, l-apprendistati fit-titjib tal-impjegabbiltà, il-modernizzazzjoni proposta se **tappoġġa wkoll l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u tal-adulti li jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kontinwu**. Se tinkludi wkoll żieda fl-użu tal-għodda diġitali u tad-diġitalizzazzjoni kontinwa tas-sistemi tal-VET, li se jikkontribwixxu sabiex iżidu r-reżiljenza tagħhom;
- (b) **tikkonferma r-rwol ċentrali tal-VET fil-kontinwità tal-apprendiment tul il-ħajja** u r-rabtiet sodi tagħhom għas-setturi kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, li jitlob permeabbiltà u trasparenza;
- (c) **tissimplifika l-proċess ta' kooperazzjoni Ewropew** fil-qasam tal-VET bl-integrazzjoni u bl-adattament tal-istrumenti favur l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-VET (EQAVET) u tal-flessibbiltà u tal-forniment personalizzat (ECVET);
- (d) **tissimplifika l-governanza tal-VET fil-livell tal-Unjoni** (relatata mal-integrazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ECVET u tal-EQAVET f'din il-proposta u għaldaqstant it-tħassir tagħhom) u tiddefinixxi l-metodi ta' ħidma, it-tipi ta' attivitajiet ta' appoġġ fil-livell tal-Unjoni u l-qafas ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni tal-progress lejn l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, b'koerenza sħiħa mal-qafas usa' ta' governanza għall-edukazzjoni u t-taħriġ.

B'mod konkret, dawn huma l-elementi l-ġodda sabiex jittieħdu azzjonijiet **fil-livell nazzjonali**:

- **Tisħaq ir-rwol kruċjali li s-sistemi tal-VET għandhom għaż-żgħażaġh** li jidħlu fis-suq tax-xogħol u żżid li s-sistemi tal-VET jenħtieġ li jkollhom rwol daqstant importanti għall-adulti li jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kontinwu;
- **Tipprovdi livell ta' awtonomija lill-fornituri tal-VET** li jippermettilhom jirreaġixxu malajr għall-isfidi tal-ħiliet, joffru programmi ta' taħriġ mill-ġdid rapidi u jaħdmu fi sħubijiet mill-qrib ma' min iħaddem kemm mis-setturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati;
- **Timmodularizza l-programmi tal-VET** u tespandihom għal-livelli ogħla ta' kwalifiki kif ukoll ta' mikrokredenzjali;
- **Torbot il-VET ma' strateġiji ekonomiċi u ma' sistemi ta' innovazzjoni b'xeħta lejn il-ġejjieni**;
- **Tippromwovi ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali**⁹ (speċjalment permezz tal-Erasmus+) marbuta mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u li joffru servizzi

⁹ Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali huma maħsuba biex ikunu punti ta' referenza fuq livell dinji għat-taħriġ f'oqsma speċifiċi kemm għat-taħriġ inizjali taż-żgħażaġh kif ukoll għat-titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid kontinwu tal-adulti, permezz ta' offerta flessibbli u f'waqtha ta' taħriġ għall-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet tal-kumpaniji. Huma joperaw lokalment peress li huma inkorporati mill-qrib fl-ekosistemi u fir-raggruppamenti tal-innovazzjoni lokali u jiġbru flimkien firxa wiesgħa ta' sħab lokali, bħall-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, min iħaddem, iċ-ċentri ta' riċerka, l-aġenziji tal-iżvilupp u s-servizzi tal-impjiegi (fost oħrajn), biex jiżviluppaw "ekosistemi tal-ħiliet" li jikkontribwixxu għall-

innovattivi li jinkludu raggruppamenti¹⁰, inkubaturi tan-negozju, appoġġ għal negozji ġodda u diffużjoni tat-teknoloġija b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), sabiex il-VET ikunu reżiljenti u addattati għal żieda fid-diġitalizzazzjoni u fil-prontezza diġitali u biex irawmu t-tranżizzjoni minn setturi li sejin lura għal setturi ġodda li qed jikbru;

- **Tinkorpora s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali** fil-kurrikuli tal-VET u fil-ġestjoni organizzattiva, inkluż l-irbit tal-aspett ambjentali ma' oqsma oħra;
- **Tiggarantixxi permeabbiltà aħjar** bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;
- **Fl-isfond tal-pandemija tal-COVID-19, iżżid il-prontezza diġitali tal-istituzzjonijiet tal-VET**, billi tippromwovi ambjenti, għodod u pedagoġiji ta' apprendiment ġodda b'mod partikolari marbuta mad-diġitalizzazzjoni, li jkopru kemm il-kurrikuli u kemm il-kontenut trażversali u speċifiku tal-VET u billi tinkludi l-aspett tad-diġitalizzazzjoni fil-qafas EQAVET;
- **Iżżid l-attrazzjoni tal-VET** għall-istudenti u għall-kumpaniji, inklużi dawk ta' daqs mikro, żgħar u medji, pereżempju permezz tal-internazzjonalizzazzjoni u ż-żieda fl-opportunitajiet għall-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal offerti mill-programm Erasmus+ u minn opportunitajiet oħrajn ta' finanzjament;
- Tindirizza l-preġudizzju bbażat fuq il-**ġeneru** u l-għażliet stereotipiċi tal-ġeneru u l-appoġġ għad-diversità u l-inklużività;
- **Tiddefinixxi sett ta' indikaturi u objettivi** li jippermettu monitoraġġ kwantitattiv u kwalitattiv tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali.

Barra milli tikkonferma mill-ġdid ir-rwol tal-Kumitat Konsultattiv għat-Taħriġ Vokazzjonali tripartitiku (ACVT), il-proposta tippromwovi wkoll dawn l-**elementi l-ġodda fuq livell tal-UE**:

- **Tipprovdi servizz ta' appoġġ** li jkopri d-diversi dimensjonijiet tas-sistemi tal-VET (eż. apprendistati, Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, tkompli tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, assigurazzjoni tal-kwalità), li jiġbor flimkien il-ġestjoni ta' diversi strutturi ta' appoġġ separati (is-segretarjati tal-EQAVET u tal-ECVET, is-servizzi ta' appoġġ għall-apprendistat, il-gruppi ta' ħidma ta' esperti);
- **Tappoġġa l-prontezza diġitali tal-istituzzjonijiet tal-VET** permezz tal-implimentazzjoni msaħħa tal-għodda SELFIE u l-estensjoni gradwali tagħha biex tkopri l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol¹¹;

iżvilupp reġjonali, ekonomiku u soċjali, għall-innovazzjoni u għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

¹⁰ Ir-raggruppamenti industrijali huma gruppi ta' intrapriżi speċjalizzati, ta' spiss SMEs, u ta' atturi relatati oħra li jappoġġjawhom fejn jikkooperaw mill-qrib f'post speċifiku. Hemm madwar 3000 raggruppament speċjalizzat fl-Ewropa, li jgħaddu 54 miljun impjieg. L-istrateġija mgeġġenja għall-politika industrijali tal-UE tagħraf li r-raggruppamenti huma għodda ta' żvilupp ekonomiku b'saħħha biex tappoġġa l-innovazzjoni industrijali fuq il-post.

¹¹ SELFIE (Awtoriflessjoni dwar l-Apprendiment Effettiv bit-Trawwim tal-Innovazzjoni permezz ta' Teknoloġiji Edukazzjonali) hi għodda b'xejn, faċli, li tista' tiġi personalizzata biex tgħin lill-iskejjel jivvalutaw feix qegħdin fir-rigward tal-apprendiment fl-era diġitali. Għet disinjata mill-JRC bl-għan li tgħin lill-iskejjel jinkorporaw it-teknoloġiji diġitali fit-tagħlim, fl-apprendiment u fil-valutazzjoni tal-istudenti. Din l-għodda tista' tenfasizza x'qed jaħdem tajjeb, fejn hemm bżonn ta' titjib u x'għandhom ikunu l-prijoritajiet. Bħalissa, l-għodda hi disponibbli f'24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'lingwi oħra li se jiżdiedu maż-żmien. SELFIE tiġbor — b'mod anonimu — il-fehmiet tal-istudenti, tal-għalliema u tal-kapijiet tal-iskola dwar kif tintuża t-teknoloġija fl-iskola tagħhom. Dan isir permezz ta' dikjarazzjonijiet qosra u mistoqsijiet u skala sempliċi ta' qbil minn 1-5. Id-dikjarazzjonijiet ikopru oqsma bħat-tmexxija, l-infrastruttura, it-taħriġ tal-għalliema u l-kompetenza diġitali tal-istudenti. Ir-

- **Tippromwovi l-VET Ewropej bħala punt ta' referenza globali fl-iżvilupp tal-ħiliet** u żżid il-mobbiltà u r-rikonoxximent ta' kwalifiki vokazzjonali u ta' eżiti ta' perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-kunċett tal-Profil Vokazzjonali Ewlenin Ewropej bħala parti mill-Pjattaforma Europass u kkumplimentat, fejn possibbli, minn kontenut diġitali vokazzjonali;
- **Tintroduċi proċess ta' rieżami bejn il-pari dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità fil-VET** għall-appoġġ ta' konverġenza 'l fuq fil-kwalità, fit-trasparenza u fil-fiduċja reċiproka.

Kuntest politiku

Bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni pproponiet **pjan ambizzjuż u komprensiv biex isewwi l-ħsara li saret u jħejji l-ġenerazzjoni li jmiss**. Il-pjan jippreżenta pjan direzzjonali dwar kif l-ekonomija Ewropea tingħata l-ħajja, dwar kif jitħarsu u jinħolqu impjiegi, kif jittkattu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u sabiex l-ekonomija Ewropea tkun aktar ġusta, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet li jmiss. Dan jenfasizza li t-titjib u l-adattament tal-ħiliet, tal-ġarfien u tal-kompetenzi sar aktar u aktar importanti.

In-Next Generation EU¹² se jikseb finanzjament ġdid fis-suq finanzjarju għall-2021-2024 għall-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**¹³ li għadha kemm ġiet proposta u **għar-REACT-EU**¹⁴. Iż-żewġ programmi se jinkludu investimenti fil-**ħiliet, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ** biex iwittu t-triq għal irkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti. Il-Kummissjoni aġġustat ukoll il-proposti tagħha għall-ġejjieni tal-Fond Soċjali Ewropew Plus biex tagħti appoġġ akbar lill-**miżuri dwar l-impjiegi taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u l-ħiliet**.

Bħala parti mill-Istrateġija għall-Irkupru, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tipprovdi finanzjament addizzjonali sostanzjali ta' EUR 30 biljun għall-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**, li jwassal għal total ta' EUR 40 biljun. Dan il-finanzjament se jintuża biex itaffi l-impatti soċjo-ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika fir-reġjuni l-aktar affettwati, pereżempju, permezz ta' appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, għajjnuna lill-SMEs biex joħlqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda, u investiment fit-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa u fl-ekonomija ċirkolari¹⁵.

Dan huwa parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, li huwa l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir li għandu l-għan li jbidel l-UE f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. L-investiment f'**ekonomija aktar ċirkolari**¹⁶ għandu l-potenzjal li jgħin lill-UE tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fornituri esterni u żżid ir-reżiljenza tagħha għal kwistjonijiet ta' forniment globali. Il-**Mewġa ta' rinnovazzjoni** li jmiss se tiffoka fuq il-ħolqien ta' impjiegi fil-kostruzzjoni, fir-rinnovazzjoni u f'industriji oħra b'xogħol intensiv¹⁷. It-tranżizzjonijiet f'dawn l-oqsma jwasslu għal żieda fil-bżonn ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet. Il-programmi VET jista' jkollhom rwol ewlieni biex jiggarrantixxu l-kisba ta' dawn il-ħiliet u

riżultati tal-awtovalutazzjoni jistgħu jintużaw b'mod strateġiku fuq livell tas-sistema u fuq dak istituzzjonali biex jiġu implimentati investimenti ta' segwitu favur l-infrastruttura u t-tiġid tal-kapaċitajiet, skont il-lakuni identifikati.

¹² COM(2020) 456 final

¹³ COM(2020) 408 final

¹⁴ COM(2020) 451 final

¹⁵ COM(2020) 442 final

¹⁶ COM(2020) 98 final

¹⁷ COM(2020) 456 final

wisq probabbli se jkollhom rwol importanti wkoll fit-twettig ta' inizjattivi oħrajn immissla mill-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁸.

Il-Kummissjoni adottat ukoll **Strateġija Industrijali Għda għall-Ewropa**¹⁹ li tindirizza l-isfida tat-tranżizzjonijiet ekoloġika u diġitali tewmin. Tappella għal azzjoni deċiżiva sabiex l-apprendiment tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd u jiġi ggarantit li l-edukazzjoni u t-taħriġ iżommu mal-pass tat-tranżizzjonijiet tewmin. Tappella wkoll sabiex l-edukazzjoni għolja u l-VET jipprovdu aktar xjentisti, inġiniera u tekniċi għas-suq tax-xogħol. Bl-istess mod, l-**Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali** tenfasizza kif għadd kbir ta' SMEs iħabbtu wiċċhom mal-isfida li jsibu l-ħiliet meħtieġa u l-fatt li d-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati jew maniġers bl-esperjenza jibqgħu l-problema l-aktar importanti għal kwart mill-SMEs fl-Unjoni Ewropea²⁰. Il-VET huma partikolarment rilevanti għall-SMEs biex jiżguraw li l-forza tax-xogħol tagħhom ikollha l-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol.

L-opportunitajiet u l-isfidi tat-trasformazzjoni diġitali li għaddejjja bħalissa u r-rispons ta' politika tal-Ewropa ġew deskritti fl-istrateġija **Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa**, li tenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fil-ħiliet diġitali għall-Ewropej kollha meta titqies **l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025**²¹ adottata.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Skont l-Artikolu 166(1) tat-TFUE, l-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u għall-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali. L-għan tal-azzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 166(2) tat-TFUE għandu jkun li:

- tiffaċilita l-adattament għall-bidliet industrijali, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid,
- ttejjeb it-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu f'perspettiva ta' apprendiment tul il-ħajja, biex tiffaċilita l-integrazzjoni vokazzjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol,
- tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u tħeġġeġ il-mobbiltà tal-għalliema u ta' daww li qed jitħarrġu, b'mod partikolari ż-żgħażaġh,
- tistimula kooperazzjoni bejn l-istabbilimenti edukattivi jew ta' taħriġ u d-ditti,

¹⁸ Pereżempju, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 (COM(2020) 380 final) tenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom il-ħiliet fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u tenfasizza l-ġlieda kontra t-telfien tal-bijodiversità, tiffoka fuq it-taħriġ u fuq it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol f'firxa wiesgħa ta' setturi. Din se tikkontribwixxi wkoll għall-Pjan ta' Azzjoni biex Jixxejjen it-Tniġġis tal-Arja, tal-Ilma u tal-Ħamrija fejn hu kruċjali li jinġabru flimkien l-edukazzjoni u l-ħiliet minn oqsma differenti, bħall-ambjent u s-saħħa, biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi trażversali li kulma jmur dejjem jikbru. L-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" (COM(2020) 381 final), bl-għan li tbiddel il-mod kif jiġi prodott l-ikel tagħna u kif jasal fil-platti tagħna, tagħraf ukoll ir-rwol ewlieni tal-għarfien u tal-gwida li jappoġġaw it-tranżizzjoni.

¹⁹ COM(2020) 102 final

²⁰ COM(2020) 103 final

²¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025", COM/2020/152 final

- tiżviluppa skambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ tal-Istati Membri.

Skont l-Artikolu 165(1) tat-TFUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' taġħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni. L-għan tal-azzjoni tal-Unjoni skont it-tieni u r-raba' inċiż tal-Artikolu 165(2) tat-TFUE, għandu jkun li:

- thegħġeg il-mobbiltà fost l-istudenti u l-għalliema, billi thegħġeg *inter alia*, ir-rikonossiment akkademiku ta' diplomi u ta' perjodi ta' studju,
- tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi tal-edukazzjoni tal-Istati Membri.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Fil-ħidma tagħha għall-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u għall-implimentazzjoni ta' politika ta' taħriġ vokazzjonali, l-UE hi responsabbli li thegħġeg il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, li tappoġġa u li tissupplimenta l-azzjoni tagħhom fejn meħtieġ.

Il-kwalità u l-konverġenza tas-sistemi tal-VET jirfdu l-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi, ir-reżiljenza tal-forza tax-xogħol tal-UE, u fl-aħħar nett s-suq intern sostenibbli ta' suċċess u għalhekk jistgħu biss jiġu indirizzati fuq livell Ewropew.

L-Artikolu 166(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxi li l-Unjoni għandha timplimenta politika ta' formazzjoni vokazzjonali, li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tal-formazzjoni vokazzjonali.

L-Artikolu 165(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' taġħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta tiddekrivi l-politika tal-Unjoni l-għdida dwar il-VET u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal dan il-għan.

Din ir-Rakkomandazzjoni hi mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE²² kif emendata bid-Direttiva 2013/55/KE²³ dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali u r-reġim ta' rikonossiment awtomatiku previsti fiha.

• **Proporzjonalità**

L-azzjonijiet proposti bir-Rakkomandazzjoni huma proporzjonali għall-oġġettivi mfittxija. Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-proċessi ta' riforma mnedija minn pajjiżi individwali u tikkumplimenta l-isforzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-azzjoni proposta tirrispetta l-prattiki tal-Istati Membri kif ukoll id-diversità tas-sistemi. Din takkomoda approċċ differenzjat li jirrifletti s-sitwazzjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u soċjali differenti tal-Istati Membri kif ukoll il-kundizzjonijiet diversi tas-suq tax-xogħol.

²² ĠU L 255, 30.9.2005.

²³ ĠU L 354, 28.12.2013.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost hu Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hi tibni fuq il-korp eżistenti ta' liġijiet tal-Unjoni Ewropea u huwa konformi mat-tip ta' strumenti disponibbli għal azzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi. Bħala strument legali, hi tindika l-impenn tal-Istati Membri għall-miżuri stipulati f'din ir-Rakkomandazzjoni u tipprovdi bażi politika soda għall-kooperazzjoni f'livell tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-politiki soċjali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli.

Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Mill-2017 'l hawn, għet organizzata konsultazzjoni bir-reqqa u mmirata bil-ħsieb li jiġu ddefiniti l-pedamenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali adattati għall-ġejjieni fil-kuntast ta' xejriet u sfidi emerġenti (id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni, ir-robotika, l-intelliġenza artifiċjali, l-ekonomija ekoloġika u sostenibbli, inkluż it-tibdil fil-klima, il-globalizzazzjoni, il-mudelli ġodda ta' negozju, il-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, l-iżviluppi demografiċi, it-tixjiħ, il-migrazzjoni).

Dawn il-konsultazzjonijiet involvew lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha:

- L-Istati Membri u s-sħab soċjali miġbura flimkien fid-Diretturi-Ġenerali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u l-ACVT tripartitiku li adottaw l-opinjoni [Opinion on the future of Vocational Education and Training post 2020](#),
- Sħab Soċjali Ewropej (flimkien mad-dokumenti ta' pożizzjoni tagħhom: [l-ETUC](#), [l-SME United](#) u [l-BusinessEurope](#)) u f'seduta dedikata għal dan f'Jannar 2020, u;
- l-[Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-fornituri tal-VET](#).

[Stħarriġ dwar l-isfidi u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali](#) mwettaq mill-Kummissjoni f'Marzu-Mejju 2020 bis-sejbiet li ġejjin:

- Jeżistu bosta għodod għall-ħolqien ta' materjal għall-apprendiment mill-bogħod. Madankollu, ġeneralment il-materjal online tal-VET huwa inqas żviluppat fejn jidħlu l-partijiet prattiċi tat-taħriġ u tal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol;
- L-istudenti tal-VET abbli jkunu fi żvantaġġ meta mqabbla mal-istudenti minn perkorsi edukattivi oħrajn, peress li f'dawn tal-aħħar isiru aktar sforzi favur suġġetti ġenerali tal-iskola, u inqas favur il-kontenut vokazzjonali tipiku;
- Hemm tfixkil sostanzjali fil-“katina ta' provvista” tal-apprendistati. Fil-biċċa l-kbira, l-apprendisti waqfu jmorru fil-kumpanija tagħhom fis-setturi li kellhom iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom (eż. Catering, benesseri, turiżmu u manifattura). Fi wħud mill-każijiet, it-twaqqif u t-terminazzjoni tal-kumpens finanzjarju, fejn applikabbli, jżidu r-rata ta' persuni li jabbandunaw it-taħriġ;
- L-impjegaturi ma tantx għandhom kapaċità biex jiffokaw fuq it-taħriġ taż-żgħażaġh jew tal-impjegati tagħhom minħabba t-tħassib biex jiżguraw il-kontinwità tal-operat. Madankollu, uħud minn dawk li jħaddmu u minn dawk li jħarrġu għamlu l-aħjar użu

mill-perjodu ta' konfinament sabiex jappoġġaw it-taħriġ tal-impjegati tagħhom biex iħaffu l-implimentazzjoni ta' sistemi u ta' kontenut ta' apprendiment diġitali;

- Minkejja li kienet sfida sinifikanti għall-għalliema u għal min iħarreġ kif ukoll għall-istudenti biex jaddattaw malajr għal din il-bidla drammatika, bosta mill-partijiet ikkonċernati mmobilizzaw ruħhom biex jagħtu għajjnuna (fornituri tal-VET, gvernijiet lokali, pubblikaturi, NGOs, kumpaniji eċċ.);
- Hemm talba kbira għal pjattaforma Ewropea online (li tkun sigura, ta' kwalità assigurata, multilingwali, eċċ.) li tkun toffri opportunitajiet ta' networking u ta' skambju ta' prattiki tajbin u li tkun tipprovdi soluzzjonijiet diġitali, anki għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol.

Analiżi simili li twettqet mis-CEDEFOP indikat ukoll uħud mill-isfidi għas-settur tal-VET: it-tagħlim mill-bogħod huwa frammentat u l-użu tiegħu jiddependi ħafna fuq il-ħiliet diġitali u d-disponibbiltà tal-iskejjel u tal-għalliema, u fuq is-settur ikkonċernat. L-użu tiegħu jvarja minn sempliċi komunikazzjoni/żamma ta' kuntatt mal-istudenti, għal aċċess għar-riżorsi (videos eċċ), għat-tagħlim proprju. L-analiżi tefgħet dawl ukoll fuq il-fatt li l-apprendisti jissoktaw it-taħriġ u xogħolhom, b'mod partikolari fil-kumpaniji li jipprovdu servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa u l-ikel, dment li jitħarsu l-miżuri ta' saħħa u sikurezza. Min-naħa l-oħra, l-apprendisti waqqfu jmorru fil-kumpanija tagħhom fis-setturi li kellhom jagħlqu bil-liġi, bħal f'bosta pajjiżi fis-setturi tal-lukandi, tal-benesseri u tat-turiżmu²⁴. Minħabba l-prevalenza għolja tan-nisa f'dawn is-setturi, hu stmat li huma ġew affettwati l-aktar.

B'mod aktar ġenerali, l-evidenza u l-fora hawn taħt intużaw biex jiddefinixxu l-politika tal-ġejjieni tal-VET:

- Proġett tas-Cedefop, ["Changing nature and role of vocational education and training in Europe"](#) (2016–2018),
- Stħarriġ tal-Opinjoni tas-Cedefop dwar il-VET (2017) imsejjes fuq it-tweġibiet ta' total ta' 35 646 ċittadin tal-Istati Membri,
- [Study on VET mobility in Europe](#) (2019) tal-Kummissjoni,
- Id-diskussjonijiet li qed isiru waqt l-avvenimenti tal-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali (2018, 2019),
- Aktar evidenza mill-OECD u l-ILO.

Il-proposta biex jiġu emendati u integrati l-elementi taż-żewġ strumenti speċifiċi tal-VET tal-UE, l-ECVET u l-EQAVET, filwaqt li tirrevoka wkoll l-istrumenti oriġinali, tissejjes fuq:

- [Study on EU VET instruments](#) iddedikat (EQAVET u ECVET) (2019, b'kunsiderazzjoni ta' studji ta' evalwazzjoni preċedenti),
- Ir-riżultati ta' Grupp tal-Ħidma tal-ACVT li twaqqaf biex jaqbel dwar l-iżvilupp ġejjieni tal-istrumenti Ewropej tal-VET (l-1 semestru 2019).

Impatt tal-proposta fuq ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) u l-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET) u x'direzzjoni hemm proposta

Mill-2009 'l hawn ġew żviluppati u implimentati żewġ strumenti tal-VET biex jappoġġaw

²⁴ <https://www.cedefop.europa.eu/fr/news-and-press/news/how-european-countries-manage-apprenticeships-respond-coronavirus-crisis>

lill-Istati Membri biex il-VET ikun aktar flessibbli (is-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali - ECVET) u biex itejbu l-kwalità tas-sistemi tal-VET (Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali - EQAVET). F'konformità mar-riżultati tal-evalwazzjonijiet riċenti tagħhom, iż-żewġ strumenti jeħtieġu jkunu modernizzati u allinjati.

L-oġettiv tar-**Rakkomandazzjoni tal-ECVET**²⁵ kien it-titjib tar-rikonoxximent, tal-akkumulazzjoni u tat-trasferiment tal-eżiti tal-apprendiment, tal-appoġġ għall-mobbiltà u tal-apprendiment tul il-ħajja kif ukoll tal-istabbiliment ta' sistema tal-UE ta' krediti fil-VET. Din l-inizjattiva ġiet żviluppata aktar, wara d-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen tal-2002²⁶ dwar il-prijoritajiet tal-ġejjieni għat-titjib tal-kooperazzjoni Ewropea fil-VET, li ddikjarat il-ħtieġa għal sistema li tappoġġa "t-trasparenza, il-komparabbiltà, it-trasferibbiltà u r-rikonoxximent tal-kompetenza u/jew il-kwalifiki, bejn pajjiżi differenti u f'livelli differenti".

Skont l-evalwazzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-istrumenti tal-VET tal-UE, l-ECVET ikkontribwew bil-kbir għall-iżvilupp ta' esperjenza ta' mobbiltà ta' kwalità aħjar permezz tal-użu u d-dokumentazzjoni ta' unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment, bi kważi l-Istati Membri kollha li jużaw l-ECVET fil-mobbiltà internazzjonali. Barra minn hekk, il-kunċett ta' punti tal-ECVET ma għex applikat ġeneralment u l-ECVET ma wasslitx għall-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' krediti fil-VET.

Abbażi tar-rispons li rċeviet matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tal-ECVET matul l-aħħar 10 snin, din il-proposta tinkorpora u ssaħħa xi elementi tar-Rakkomandazzjoni tal-ECVET tal-2009 u tabbanduna oħrajn li ma jgħibux valur miżjud jew li jwieġbu għal ħtieġa reali fis-sistemi tal-VET. B'mod partikolari,

- Il-prinċipju li l-kwalifiki jissawru minn unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment huwa integrat u msaħħa fil-proposta (modularizzazzjoni). Dan jitqies bħala prerekwiżit biex tiżdied il-flessibbiltà tal-programmi tal-VET u biex tiffaċilita l-validazzjoni bħala mezz biex tingħata spinta lir-rispons għall-offerti ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Dan huwa wkoll strumentali biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-istudenti tal-VET kif ukoll ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment miksuba matul tali perjodi ta' mobbiltà. Barra minn jekk, dan jista' jappoġġa wkoll ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki tal-VET u l-kooperazzjoni fuq livell settorjali, inkluż l-appoġġ permezz tal-Pjanijiet²⁷ ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-ħiliet. Għal dan l-iskop, se jiġi esplorat kunċett ta' Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej bl-għan li tiġi ddefinita parti mill-kontenut ta' taħriġ komuni fuq livell Ewropew. Il-profilu għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw b'mod sinifikanti l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema, ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki vokazzjonali u l-eżiti ta' perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, u l-iżvilupp ta' kwalifiki u kurrikuli konġunti tal-VET;

²⁵ ĠU C 155, 8.7.2009.

²⁶ Id-Dikjarazzjoni tal-Ministri Ewropej tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, u l-Kummissjoni Ewropea, imlaqqa' f'Kopenhagen fid-29 u t-30 ta' Novembru 2002, dwar kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

²⁷ Il-Pjan ta' Azzjoni għal Kooperazzjoni Settorjali dwar il-ħiliet hu approċċ strateġiku ġdid biex jiġu mobilizzati l-partijiet kkonċernati sabiex jiżviluppaw strateġiji ta' ħiliet settorjali mmexxija mid-domanda fl-Ewropa. Jipprovdi bażi soda biex isiru aktar sforzi. Sal-lum, il-Pjan qed jiġi implimentat bi prova fis-setturi li ġejjin: il-manifattura addittiva; l-industrija tal-karozzi; il-batteriji; il-bijoeconomija; il-kostruzzjoni; it-teknoloġiji tad-difiża; id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-valur tal-enerġija u l-industrija intensiva fl-enerġija; l-ispażju; it-teknoloġiji marittimi; it-tbaħħir marittimu; il-mikroelettroniki; l-azzar; it-tessut-ħwejjeġ-żraben-ġilda; u t-turiżmu.

- L-għodod ta' mobbiltà żviluppati skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2009 (eż. il-ftehim ta' apprendiment u l-memorandum ta' qbil) relatati mal-appoġġ għall-mobbiltà ġeografika tal-istudenti tal-VET se jiġu żviluppati aktar fil-qafas ta' strumenti oħra tal-UE bħal dawk appoġġati mill-programm Erasmus + u marbuta mal-iżvilupp ulterjuri tal-Europass;
- Il-punti ta' kreditu introdotti mir-Rakkomandazzjoni tal-2009 se jitwaqqfu, minħabba li f'it li xejn intużaw u minħabba li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' valur miżjud. Fil-prattika, l-ECTS (is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti) applikata b'mod wiesa' fl-edukazzjoni għolja tintuża wkoll għall-VET post-sekondarji u terzjarji.

Ir-rakkomandazzjoni tal-ECVET tal-2009 se tiġi revokata u d-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-ECVET, kif deskritta aktar 'il fuq, se jitmexxew 'il quddiem abbażi ta' din il-proposta u se tiġi integrata fi strumenti oħra ta' politika tal-UE.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-EQAVET²⁸ ġiet adottata biex ittejjeb il-kwalità tal-VET. L-importanza tat-titjib tal-kwalità fil-VET kienet diġà inkluża fl-istrateġija ta' Lisbona tal-2000 li tiddikjara li t-tranżizzjoni għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien teħtieġ VET moderni u adattabbli. Id-dikjarazzjoni ta' Copenhagen tal-2002 sussegwentement ipproponiet kooperazzjoni tal-UE fl-assigurazzjoni tal-kwalità fil-VET bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-fiduċja reċiproka u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.

L-evalwazzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar l-istrumenti tal-VET tal-UE wera li l-EQAVET stimula lill-Istati Membri biex jirrieżaminaw u jirfinaw is-sistemi nazzjonali tagħhom tal-assigurazzjoni tal-kwalità: tmax-il Stat Membru tejbuhom speċifikament bħala rispons għal din ir-Rakkomandazzjoni filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra, l-EQAVET intuża biex jiġu rieżaminati u aġġustati s-sistemi tagħhom. Barra minn hekk, bosta pajjiżi għandhom leġiżlazzjoni ġdida dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tirreferi b'mod espliċitu għall-EQAVET. Madankollu, ir-Rakkomandazzjoni ma kkontribwietx b'mod sinifikanti għat-titjib tat-trasparenza tal-arranġamenti ta' assurazzjoni tal-kwalità bejn il-pajjiżi u ġeneralment ma rawmitx fiduċja reċiproka. Barra minn hekk, hemm ukoll il-perċezzjoni minn xi partijiet ikkonċernati li l-għodda hija applikata l-aktar fil-VET inizjali bbażati fl-iskejjel.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin, ġew żviluppati ħafna attivitajiet bħal attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, u gruppi ta' ħidma dwar suġġetti dedikati għall-assigurazzjoni tal-kwalità fil-qafas tan-Netwerk tal-EQAVET fil-livell tal-UE. Waħda minn dawn l-attivitajiet, imsejħa l-inizjattiva EQAVET+, kienet tikkonsisti fl-iżvilupp ta' deskritturi indikattivi speċifiċi dwar diversi suġġetti ta' assurazzjoni tal-kwalità li ma ġewx indirizzati fir-Rakkomandazzjoni tal-2009. Dan l-eżerċizzju ġie żviluppat bħala rispons għall-evalwazzjoni esterna tal-2013 tar-Rakkomandazzjoni li tindika fejn jista' jsir titjib.

Fid-dawl tar-riżultati tal-istudji differenti ta' evalwazzjoni kif deskritt hawn fuq, din il-proposta għalhekk se:

- Tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-EQAVET tal-2009 u tintegra l-ħidma fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-VET fl-UE f'din il-proposta;
- Tintegra l-inizjattiva EQAVET+ li żżid elementi dwar l-eżiti tal-apprendiment, iċ-ċertifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, ir-rwol tal-għalliema u ta' min iħarreġ;

²⁸ ĠU C 155, 8.7.2009.

- Iżżid deskrittur indikattiv ieħor dwar il-flessibbiltà tal-perkorsi ta' apprendiment tal-VET minħabba hteġa akbar li jiġi żviluppat forniment flessibbli tal-VET u dwar il-hteġa li jsir kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali;
- Tinkludi l-aspett ta' pronteżza diġitali fis-sistemi u fl-istituzzjonijiet tal-VET;
- Tiddefinixxi metodu ġdid ta' ħidma permezz ta' rieżami bejn il-pari ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema tal-VET sabiex ittejjeb l-apprendiment reċiproku, ittejjeb it-trasparenza tal-arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-forniment tal-VET u ssaħħa l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri;
- Tmantni l-missjoni u l-funzjonijiet tal-punti ta' referenza nazzjonali (NRPs) tal-EQAVET.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta ġiet żviluppata abbażi tal-evidenza miġbura fl-istudji u permezz ta' konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. Minħabba l-approċċ kumplimentari tal-attivitajiet proposti għall-inizjattivi tal-Istati Membri, in-natura volontarja tal-attivitajiet proposti u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impatti mistennija, valutazzjoni tal-impatt mhix meħtieġa.

Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda baġit jew riżorsi tal-persunal addizzjonali ma huma meħtieġa mill-baġit tal-UE. Barra minn hekk, din l-inizjattiva ma għandhiex tippreġudika n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u l-programmi li ġejjin.

5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Fil-livell nazzjonali, din il-proposta tistieden lill-Istati Membri biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-VET tagħhom f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali u l-prattiki ta' edukazzjoni u ta' taħriġ.

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ACVT, dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni kull ħames snin, filwaqt li tibni fuq il-monitoraġġ annwali tas-Cedefop.

Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)

Mhux applikabbli.

Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri

Il-proposta tistieden lill-Istati Membri jħabirku biex jimplimentaw il-politika tal-Unjoni dwar il-VET. Din il-politika hi ispirata mill-Opinjoni tal-ACVT dwar il-ġejjieni tal-VET wara l-2020²⁹.

²⁹ <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=20479&langId=en>

Il-kriżi tal-COVID-19 uriet l-urġenza biex jiġu stabbiliti rotot ewlenin ta' azzjonijiet ta' riforma li jwasslu għal VET aktar reżiljenti u addattati għall-isfidi fil-ġejjieni. Enfasizzat il-bżonn li l-VET jirrispondu aktar malajr għall-bidliet rapidi, li tiġi aċċellerata d-diġitalizzazzjoni tal-VET, li jiġu stabbiliti approċċi ta' apprendiment ta' innovazzjoni u li jsir aktar investimenti fil-ħiliet u fil-kompetenzi tal-għalliema u ta' min iħarreġ.

Wieħed mill-messaġġi ewlenin tal-Opinjoni tal-ACVT hu li titrawwem kultura Ewropea tal-VET, li tkun **orjentata lejn ir-riżultati, li tappoġġa lill-Istati Membri fl-issettjar tal-għanijiet tagħhom**, u li tiżviluppa metodu dwar kif u jekk ikunux qed jintlaħqu dawn l-għanijiet. Filwaqt li tibni fuq il-konsultazzjonijiet ta' qabel dwar il-parametri referenzjarji possibbli fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-proposta tipprevedi wkoll għadd ta' objettivi kwantitattivi li għandhom jinkisbu sal-2025, kif imniżżla hawn taht³⁰:

- jenħtieġ li **s-sehem ta' gradwati impjegati jkun ta' mill-inqas 82 %**³¹;
- **60 % tal-gradwati reċenti mill-VET jibbenefikaw minn esponiment għal apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol** tul l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tagħhom³². Dan l-objettiv jirreferi għal kull għamla ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u għaldaqstant se jikkontibwixxi għal żieda fl-opportunitajiet tal-apprendistati li jistgħu jiġu appoġġati mill-iskema ta' Garanzija għaż-żgħażaġh;
- **8 % tal-istudenti fil-VET jibbenefikaw minn mobbiltà għal apprendiment barra mill-pajjiż**³³.

L-ewwel u t-tielet objettivi jibnu fuq il-parametri referenzjarji eżistenti tal-ET 2020 dwar l-Impjegabbiltà tal-gradwat u l-mobbiltà fil-VET, filwaqt li t-tieni waħda tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni jispjega bir-reqqa r-raġunament u l-metodoloġija għal dawn l-indikaturi u objettivi.

Il-proposta tkompli tiddefinixxi għadd ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali biex jimplimentaw il-politika tal-Unjoni msemmija hawn fuq. Dawn il-prinċipji huma strutturati madwar **l-objettivi tematiċi li ġejjin**:

1. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali joffru l-flessibbiltà meħtieġa biex jaddattaw għall-bidliet tas-suq tax-xogħol

L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija tal-UE, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, id-diġitalizzazzjoni, it-tranżizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u newtrali għall-klima, il-mudelli ġodda ta' negozju u l-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol iħaffu l-bidliet fil-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri jeħtieġu jistabbilixxu oqfsa u miżuri xierqa biex jiżguraw li l-VET jkun reżiljenti u jistgħu jwieġbu b'ħeffa għat-tibdil fid-domanda tas-suq tax-xogħol. Jinħtieġu antiċipazzjoni aħjar tal-ħiliet kif ukoll mekkaniżmi ta' sħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati biex iwieġbu għall-bidliet fis-

³⁰ Wisq probabbli li l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 se jdedwem il-kisba tal-objettivi fl-ewwel snin, iżda bl-irkupru, il-progress lejn dawn l-objettivi mistenni jgħaġġel.

³¹ Dan se jkopri l-grupp ta' età 20-34 li jkun ta' mill-inqas kisbu l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u li jkun waqfu l-edukazzjoni u t-taħriġ minn 1 sa 3 snin ilu.

³² Dan se jkopri l-grupp ta' età 15-34 li jkun waqfu l-edukazzjoni u t-taħriġ minn 1 sa 3 snin ilu. L-indikatur se jissejjes fuq id-*data* li se tinġabar mill-2021 bħala parti mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE.

³³ Dan se jitkejjel bħala s-sehem ta' studenti mobbli f'sena kalendarja, bħala proporzjon ta' koorti ta' gradwati tal-VET fl-istess sena. L-indikatur se jissejjes fuq id-*data* dwar il-mobbiltà li nkisbet mid-*data* tal-Erasmus+ u mid-*data* tal-gradwati tal-VET li nkisbet mill-UOE. Barra minn hekk, fejn xieraq, id-*data* mill-programmi ta' mobbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tista' tintuża wkoll biex tikkomplimenta d-*data* mill-Erasmus+.

setturi ekonomiċi u tal-impjiegi u biex jadattaw ruħhom skont il-kontenut tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Element deċiżiv huwa l-ħeffa li biha jseħħ dan l-adattament. Jinħtieġu livelli ta' awtonomija u ta' finanzjament li jiffaċilitaw rispons mgħaġġel tal-fornituri tal-VET għall-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li qegħdin jevolvu. Il-VET iħejju lin-nies għal professjonijiet speċifiċi. Fl-istess waqt, il-kontenut tal-apprendiment kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti jeħtieġ li jilħaq bilanċ bejn il-kompetenzi ewlenin, inkluż il-ħiliet għall-ħajja,³⁴ u l-ħiliet aktar speċifiċi għall-professjoni.

L-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u l-apprendistati huma, b'mod partikolari, approċċi effettivi biex jiġi żgurat li l-VET jkunu rilevanti għas-suq tax-xogħol. Fi żminijiet ta' reċessjoni, jista' jkun li l-kumpaniji żgħar ma jkunux jistgħu jipprovdu apprendistati. Approċċ preventiv aktar b'saħħtu u attenzjoni msaħħa tal-iskema tal-Garanzija għaż-żgħażagħ fuq l-apprendistati kif ukoll fuq il-miżuri ta' appoġġ xierqa, f'għamla ta' ċentri għat-taħriġ fil-kumpaniji jew ta' espansjoni tal-għodod ta' taħriġ diġitali, jistgħu jikkontribwixxu għal forniment stabbli ta' apprendistati saħansitra tul kondizzjonijiet ekonomiċi sfavorevoli.

2. Il-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' progressjoni jinsabu fil-qalba tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

Il-flessibbiltà u l-opportunitajiet għal progress fis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u bejniethom huma elementi ewlenin ta' sistemi tal-VET adattati għall-ġejjieni. Barra minn hekk, hu essenzjali li l-programmi VET jkunu **personalizzati u ffukati fuq l-istudenti**, biex jiġi żgurat impenn qawwi tal-istudenti u tal-attraenza tal-perkorsi tal-VET li jwasslu għall-impjegabbiltà.

Il-modularizzazzjoni — it-tqassim tal-kwalifiki vokazzjonali f'partijiet iżgħar tal-eżiti tal-apprendiment — hija l-mod biex il-kontenut jiġi aġġornat b'mod flessibbli u biex dan jaqdi l-ħtiġijiet tal-individwi. Il-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment miksuba f'apprendiment mhux formali u informali se tiffaċilita t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, li mhux biss iwassal għal kwalifiki sħaħ, iżda għal mikrokredenzjali jew kwalifiki parzjali. Il-validazzjoni tgħin ukoll biex jitqarrbu l-oqsma differenti, li hu meħtieġ għall-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika u sostenibbli.

3. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma xprun għall-innovazzjoni u t-tkabbir u jħejju għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u għal professjonijiet ferm mitluba

Ir-rispons tal-VET għall-bidliet strutturali jista' jissaħħaħ permezz ta' approċċ aktar proattiv li **jorbot il-VET b'mod aktar strateġiku ma' strateġiji ekonomiċi li jħarsu 'l quddiem kif ukoll ma' ekosistemi intraprenditorjali u ta' innovazzjoni**. Dan mhuwix biss mod kif wieħed jirreaġixxi għall-bidliet li diġà qegħdin iseħħu iżda wkoll wieħed kif jiġu kokreati tranżizzjonijiet ekonomiċi u tas-soċjetà — b'mod partikolari fil-kuntest attwali ta' rkurpu, ta' fokalizzazzjoni fuq l-ekosistemi industrijali strateġiċi (saħħa, farmaċewtiċi u oħrajn) u ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ħielsa mis-sustanzi tossiċi, ċirkolari, newtrali għall-klima u diġitali. Dan għandu l-potenzjal li jgħin biex il-kurrikuli tal-VET jiġu addattati f'inqas ħin.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jissoktaw jimplimentaw approċċi ta' **eċċellenza tal-VET** li jrawmu l-integrazzjoni tal-VET fl-ekosistemi tal-ħiliet, fl-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, fl-Istrateġiji Nazzjonali tal-Ħiliet, fis-sistemi ta' innovazzjoni, fl-istrateġiji tal-ekonomija ċirkolari, fl-inizjattivi ta' renovazzjoni jew fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima. L-iżvilupp tal-VET f'livelli ta' kwalifiki ogħla u l-appoġġ għall-intraprenditorija u n-negozji

³⁴ Il-ħiliet għall-ħajja jinkludu r-reżiljenza, il-litteriżmu medjatiku, il-kompetenzi ċivika, il-litteriżmu finanzjarju, ambjentali u tas-saħħa. Soċjetajiet miftuħa u demokratiċi jiddependu fuq ċittadini attivi li jistgħu jiksibu informazzjoni minn sorsi varji, jidentifikaw id-diżinformazzjoni, jieħdu deċiżjonijiet raġunati, ikunu reżiljenti u jaġixxu b'mod responsabbli.

ġodda huma elementi importanti tar-rispons meħtieġ. Jenħtieġ li dan ikun akkumpanjat minn miżuri ta' politika strutturali komplementari li jistgħu jgħinu biex l-ambjenti tan-negozju jsiru aktar attraenti u biex jitrawwem l-investment u t-tixrid tal-innovazzjoni. **Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali** konnessi permezz ta' qafas Ewropew transnazzjonali jistgħu jkunu għodda effettiva biex jiġi xprunat l-iżvilupp tal-ħiliet biex titrawwem it-tranżizzjoni minn setturi li sejrini lura għal setturi ġodda li qed jikbru u biex jiġu integrati ħiliet ekoloġiċi u diġitali (eż. il-bini fuq il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini u fuq il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Elettronika għall-professjonisti tal-ICT) f'kuntest vokazzjonali.

L-ekoloġizzazzjoni tas-settur tal-VET titlob l-ewwel u qabel kollox l-ekoloġizzazzjoni tal-programmi, tal-kurrikuli u tal-kontenut tal-VET, kif ukoll it-tmexxija tal-istituzzjonijiet tal-VET b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-impronta ambjentali. Dan jirrikjedi li jingħata appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-VET sabiex dawn jaddattaw il-programmi tagħhom u jiżguraw li jaqblu mal-bżonnijiet tal-kumpaniji li jkunu jinsabu quddiem nett fit-twerttiq tal-għanijiet ambjentali u sabiex jiżguraw li l-infrastruttura u t-teknoloġija jkunu allinjati ma' rekwiżiti ta' sostenibbiltà u għaldaqstant jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, pereżempju billi jiġu pprovduti l-ħiliet meħtieġa għall-Mewġa ta' Rinovazzjoni u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u sostenibbli. Barra minn hekk, kif muri wkoll mill-kriżi tal-COVID-19, l-istituzzjonijiet tal-VET jeħtieġ iħaddnu d-diġitalizzazzjoni u jkollhom strateġija diġitali ċara li tindirizza dimensjonijiet diversi: il-forniment tal-kontenut tal-apprendiment diġitali, l-approċċi pedagoġiċi fl-apprendiment diġitali, kif ukoll użu aħjar tad-data għas-segwitu tal-progress tal-istudenti, għall-iżvilupp ta' approċċi personalizzati u tat-tbassir tal-ħiliet.

4. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma attraenti u msejsa fuq forniment modern u diġitalizzat tat-taħriġ/tal-ħiliet

Il-VET jipprovdu prospettu ta' impjeg tajbin ħafna fi professjonijiet ferm mitluba fis-suq tax-xogħol, iżda xorta għadhom iħabbtu wiċċhom ma' sfida minħabba li ma tantx jiġbdu studenti u kumpaniji fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Dan ifisser li jinħtieġu aktar sforzi sabiex **tiżdied l-attraenza tal-VET** permezz tal-innovazzjoni u tal-modernizzazzjoni tal-VET, b'mod partikolari f'termini ta' ambjenti, għodod u pedagoġiji ġodda ta' apprendiment, b'enfasi speċjali fuq id-diġitalizzazzjoni. Is-simulaturi bbażati fuq l-ICT, l-għodod ta' realtà virtwali u awmentata għandhom il-potenzjal jimmodernizzaw u jinnovaw il-forniment tal-VET b'mod sinifikanti, iżidu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tagħhom meta mqabbel ma' tagħmir fiżiku għoli. Dan jista' jkun partikolarment ta' benefiċċju għall-kumpaniji żgħir u għall-apprendistati organizzati f'kumpaniji ta'daqs żgħir u medju.

Jistgħu jinkisbu tipi ġodda ta' ħiliet permezz ta' tagħlim kollaborattiv, apprendiment interdixxiplinari u msejjes fuq proġetti. Lat ieħor li jiġbed lin-nies huwa l-**permeabbiltà**: jenħtieġ li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ jippermettu rotot vertikali u orizzontali bejn il-VET, l-edukazzjoni skolastika ġenerali, l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni għall-adulti. Jenħtieġ li l-programmi ta' VET oġġa jiġu estiżi aktar biex jappoġġaw ħtiġijiet akbar għal ħiliet vokazzjonali avvanzati. Is-servizzi ta' gwida ta' kwalità għolja għandhom il-potenzjal li jżidu wkoll l-attraenza tal-VET.

L-internazzjonalizzazzjoni, il-mobbiltà transnazzjonali, inkluż il-kompetizzjonijiet tal-ħiliet virtwali³⁵, ir-rabtiet sodi mas-setturi l-oħrajn tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-atturi tar-riċerka u tas-suq tax-xogħol huma essenzjali biex jinnovaw kif jitfasslu u jiġu pprovduti l-VET.

³⁵ Il-kompetizzjonijiet jagħtu aktar viżibbiltà u rikonoxximent lin-nies b'ħiliet speċjalizzati, u juru kemm huma importanti l-ħiliet għat-tkabbir ekonomiku u s-suċċess personali. Dawn jistabbilixxu standards

Kwalità aħjar tal-VET se tkun possibbli biss permezz ta' **għalliema u ta' nies li jħarrġu** li huma mħarrġa sew u li huma motivati. Il-persunal fil-VET jeħtieġ li jkun appoġġat fl-iżvilupp tal-ħiliet u fil-forniment ta' għodod biex jiksbu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex isiru midħla sew tat-teknoloġiji l-ġodda, biex jaħdmu f'ambjenti multikulturali u biex jifhmu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Il-motivazzjoni, il-progress fil-karriera u l-benesseri tal-għalliema u ta' min iħarreġ fil-VET huma kruċjali biex jiġbdu aktar lin-nies li jagħmlu dan ix-xogħol. L-hekk imsejħa għalliema ibridi — tip ta' persunal li jaħdem parti mill-ħin f'kumpanija u parti mill-ħin bħala għalliema fi skola vokazzjonali — għandhom il-potenzjal jikkontribwixxu għal arranġamenti ta' kooperazzjoni aktar soda bejn l-iskejjel tal-VET u l-kumpaniji b'mod aktar strutturat u aktar ta' spiss. L-għalliema ibridi jistgħu jwasslu għall-innovazzjoni meħtieġa fl-ambitu tal-iskejjel u jistgħu jindirizzaw l-iskarsezza dejjem akbar kif ukoll it-tixjiħ demografiku tal-għalliema vokazzjonali. Il-kunċett jipprovdi perspettivi interessanti għall-karriera tal-individwi u jipprovdi benefiċċji kemm għall-iskejjel kif ukoll għall-kumpaniji, fost oħrajn billi jinqasmu l-kostijiet tal-paga.

5. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jippromwovu opportunitajiet indaqs

VET ta' kwalità tajba jikkontribwixxu wkoll għall-**inklużjoni tal-gruppi vulnerabbli**. Dan ifisser li jeħtieġ li tiġi żgurata aċċessibbiltà wiesgħa u li jitneħħa kwalunkwe xkiel għas-sehem, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà, għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, għall-minoranzi etniċi u razzjali, inkluż ir-Roma u għall-persuni li ġejjin minn kuntast ta' migrazzjoni. Dan jista' jgħin ukoll biex jiġi indirizzat it-ħassib dwar l-ekwità għall-aċċess tal-għodod ta' apprendiment diġitali, tal-konnessjoni tal-internet u tal-apparat tal-IT tul il-kriżi tal-COVID-19. Il-miżuri mmirati u l-formati flessibbli tat-taħriġ jistgħu jipprevjenu t-tluq bikri mill-VET u jipprovdu opportunitajiet għall-persuni li jabbandunaw l-istudju jew it-taħriġ biex jerġgħu jibdeu il-VET mill-ġdid.

Hemm ukoll il-bżonn li jiġi indirizzat il-preġudizzju relatat mal-ġeneru billi jiġi promoss il-bilanċ bejn il-professjonijiet tradizzjonalment “maskili” u “femminili”, inkluż billi jitħeġġeġ is-sehem tan-nisa fit-taħriġ vokazzjonali għal dawk li ta' spiss jitqiesu professjonijiet tradizzjonali “maskili” u s-sehem tal-irġiel fi professjonijiet “femminili”.

6. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissejsu fuq kultura ta' assigurazzjoni tal-kwalità (spjegata hawn fuq)

7. L-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali

L-iżhubiji sostenibbli bejn il-partijiet ikkonċernati kollha inkluż s-żhubijiet pubbliċi u privati huma essenzjali għal **governanza effettiva fil-VET**. L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu l-aħjar użu mill-għodod Ewropej eżistenti, bħall-Europass, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) jew l-ESCO (il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi) u jżidu kemm jista' jkun s-sinerġiji fosthom bil-ħsieb ukoll li jippromwovu r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki/diplomi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-eżiti ta' perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż. Il-fondi u l-istrumenti tal-Unjoni Ewropea jissoktaw jiffukaw fuq il-ħiliet u jipprovdu opportunitajiet biex jiffinanzjaw riformi fit-taħriġ dwar l-edukazzjoni vokazzjonali. Sabiex ir-Rakkomandazzjoni tiġi implimentata b'mod aktar effettiv u effiċjenti, huwa propost li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jiddefinixxu l-miżuri li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-livell nazzjonali fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha billi jibnu fuq l-

għoljin għall-eċċellenza fil-ħiliet f'diversi professjonijiet, u jkejlu jkelu l-kisba ta' dawk l-istandards permezz ta' kompetizzjonijiet. Dawn jispiraw lill-kompetituri żgħażaġh biex jilhqqu livelli ġodda, billi jgħinuhom ibiddu l-passjoni tagħhom fi professjoni.

arranġamenti nazzjonali eżistenti rilevanti u fuq l-oqfsa finanzjarji eżistenti u jwettqu l-implimentazzjoni tagħhom.

Appoġġ fil-livell tal-UE

Il-proposta għandha l-għan li tikkonferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni tal-Kumitat Konsultattiv tripartitiku dwar it-Taħriġ Vokazzjonali (AVCT) fil-governanza tal-UE dwar il-politika tal-VET, filwaqt li tappella wkoll għal metodu ta' ħidma aktar strutturat abbażi ta' programm kontinwu ta' ħidma. Hija tappella wkoll għal kooperazzjoni akbar ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra bħar-rappreżentanti tal-istudenti u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-proposta ma twassal għal ebda bidla fl-istrutturi usa' ta' governanza fl-oqfsa tal-ħiliet, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ.

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni jista' jiġi implimentat b'mod gradwali billi jissaħħa l-appoġġ għar-riformi strutturali għall-apprendistati permezz ta' servizz ta' appoġġ għall-apprendistati³⁶ u ta' spinta ġdida għall-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati f'sinerġija mal-iskema ta' Garanzija għaż-żgħażaġħ kif ukoll permezz tat-tkabbir tas-servizzi ta' appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali flimkien mas-CEDEFOP. L-attivitajiet jistgħu jkopru firxa ta' servizzi, li jinkludu l-apprendiment reċiproku, il-parir minn esperti, l-apprendiment komparattiv, ix-xogħol analitiku u l-bini ta' kapaċità għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Il-Pjattaformi ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVE) għandhom l-għan li jrawmu "konverġenza 'l fuq" ta' eċċellenza fil-VET, li joperaw fuq żewġ livelli:

1. Nazzjonali: f'kuntest lokali partikolari, billi jinkorporaw iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali fl-ekosistemi u raggruppamenti imprenditorjali lokali u ta' innovazzjoni u jaġixxu bħala ċentri għad-diffużjoni tat-teknoloġija għall-SMEs li jinkludu l-għodda ta' apprendiment diġitali (simulaturi bbażati fuq l-ICT, realtà virtwali u awmentata) biex jiġu konnessi fil-livell Ewropew.
2. Internazzjonali³⁷: permezz tal-Pjattaformi ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali biex jiġu stabbiliti punti ta' referenza fuq livell dinji għat-taħriġ vokazzjonali billi jgħaqqdu l-CoVEs b'interess komuni f'setturi/negożji speċifiċi (eż. l-ajrunawtika, il-mobbiltà elettronika, it-teknoloġiji ekoloġiċi u ċirkolari, l-ICT, il-kura tas-saħħa, eċċ.) jew b'approċċi innovattivi (eż. soluzzjonijiet diġitali, intelliġenza artifiċjali) biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (eż. it-tibdil fil-klima, it-tnaqqir u l-iskarzezza tar-riżorsi, it-tniġġis, it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-integrazzjoni tal-migranti, it-titjib tal-ħiliet tal-persuni b'livelli baxxi ta' kwalifiki, eċċ.).

Il-pjattaformi se jkun miftuħa għall-pajjiżi b'sistemi ta' eċċellenza vokazzjonali żviluppati sew, kif ukoll għal daww fil-proċess ta' żvilupp ta' approċċi simili, bl-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-istituzzjonijiet tal-VET biex ikollhom rwol proattiv fl-appoġġ għat-tkabbir, il-kompetittività u l-innovazzjoni. Il-Pjattaformi ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali

³⁶ Bħala azzjoni ewlenija ta' segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi, il-Kummissjoni nediet Servizzi ta' Appoġġ għall-Apprendistati f'Novembru 2018. L-għan huwa li l-membri tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati jiġu appoġġati biex jaħdmu għal aktar apprendistati ta' kwalità aħjar permezz ta' hub ta' għarfien u għan-networking. Dawn is-servizzi jinkludu wkoll apprendiment komparattiv li hu metodoloġija li torbot il-valutazzjoni komparattiva mal-apprendiment bejn il-pari, u li ttipprovi proċess strutturat ta' apprendiment reċiproku fost l-Istati Membri biex itejbu s-sistemi tagħhom għall-apprendistat.

³⁷ Dan jirreferi kemm għad-dimensjoni Ewropea kif ukoll għal dik li mhix Ewropea. Il-pjattaformi Ewropej tal-CoVEs għandhom jinkludu l-pajjiżi tal-UE, u jistgħu jinkludu wkoll pajjiżi oħra sakemm sehemhom jista' jwassal għal valur miżjud għall-pjattaforma.

mhumieq maħsuba biex jibnu mix-xejn l-istituzzjonijiet u l-infrastruttura ġodda tal-VET. Minflok huma għandhom l-għan li jiġbru flimkien sett ta' sħab lokali/reġjonali bħall-fornituri tal-VET inizjali u kontinwi, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja, inklużi l-universitajiet tax-xjenzi applikati u daww politekniki, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, il-parks tax-xjenza, il-kumpaniji, b'mod partikolari daww mikro, żgħar u ta' daqs meju, il-kmamar u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, is-sħab soċjali, il-kunsilli tal-ħiliet settorjali, l-assoċjazzjonijiet professjonali/settorjali, ir-raggruppamenti, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u l-aġenziji tal-iżvilupp, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, eċċ.

L-għodda *SELFIE awtoriflessjoni* li tappoġġa l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-użu tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u għall-apprendiment, jista' jkollha rwol importanti. L-għodda tista' tiġi żviluppata u mkabbra aktar biex tkopri l-kooperazzjoni ma' min iħaddem fi skemi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol. Il-qafas EQAVET hu addattat ukoll biex jinkludi l-kriterji/deskritturi ta' kwalità għad-diġitalizzazzjoni tat-tagħlim u tal-apprendiment inkluż permezz tal-użu tal-għodda SELFIE. L-għodda tista' tiġi żviluppata u mkabbra aktar biex tkopri l-kooperazzjoni ma' min iħaddem fi skemi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol. Il-qafas EQAVET hu addattat ukoll biex jinkludi l-kriterji/deskritturi ta' kwalità għad-diġitalizzazzjoni tat-tagħlim u tal-apprendiment inkluż permezz tal-użu tal-għodda SELFIE.

Is-sistemi tal-VET Ewropej għandhom il-potenzjali li jistabbilixxi ruħhom bħala *punt ta' referenza globali għall-iżvilupp tal-ħiliet*. Hemm għadd ta' azzjonijiet li jridu jittieħdu fuq livell Ewropew li jistgħu jippromwovu t-tmexxija Ewropea f'suq ta' taħriġ globali, bħall-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjoni, il-promozzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-ħiliet jew l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni li jżidu l-attraenza u d-dehra tal-VET.

Element innovattiv li jappoġġa l-eċċellenza u l-internazzjonalizzazzjoni tal-VET huwa l-kunċett ta' *Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej* li jiddefinixxu parti mill-kontenut ta' taħriġ komuni fuq livell Ewropew. Bħala parti mill-Pjattaforma Europass u kkumplementata, fejn possibbli, bil-kontenut diġitali vokazzjonali; il-Profili għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw b'mod sinifikanti l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema, ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki tal-VET u tal-eżiti ta' perġodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż u l-iżvilupp ta' kurrikuli, kwalifiki u mikrokredenzjali konġunti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Bl-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea ta' trasparenza u "bini tal-fiduċja" akbar, il-proposta tipproponi li *tintroduċi rieżami bejn il-pari dwar l-arranġamenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità* fil-VET. L-enfasi fuq id-dimensjoni Ewropea hija estensjoni loġika ta' attivitajiet ta' suċċess li twettqu mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-EQAVET fl-2009 'l hawn u li għenu lill-maġġoranza tal-pajjiżi biex jiddefinixxu, jirrieżaminaw u jraqqmu s-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom. Il-format u l-metodi ta' ħidma ta' din id-dimensjoni Ewropea msaħħa, immirati lejn it-tisħiħ tat-trasparenza u l-bini tal-fiduċja, permezz ta' eżerċizzju ta' rieżami bejn il-pari jeħtieġ li jiġi diskuss aktar mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Il-fornituri tal-VET u l-assoċjazzjonijiet tagħhom huma atturi kruċjali fl-implimentazzjoni tar-riformi fil-VET fil-livell nazzjonali u huma direttament rilevanti għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-inizjattivi tal-UE. Dawn huma multiplikaturi, biex ixerrdu l-aġenda tal-politika tal-VET u l-prattiki tajbin skambjati fil-livell tal-UE, filwaqt li jipprovdu wkoll rispons u għarfien espert mill-perspettiva tal-livell bażiku tal-prattikanti, għall-proposti ta' politika magħmula mill-Kummissjoni. Hemm bżonn li *jissaħħaħ djalogu strutturat mal-fornituri tal-VET bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità u r-rwol tagħhom fil-kooperazzjoni tal-VET fil-livell tal-UE*.

Se jithegġegħ l-użu tal-fondi u tal-programmi tal-UE (bħan-Next Generation EU, (il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-InvestEU, l-Erasmus+, l-Orizzont Ewropa, l-Interreg, l-Ewropa Diġitali, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) biex jappoġġaw it-tweqqif tal-impenji li saru f'din il-proposta.

B'mod partikolari, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-REACT-EU proposti għandhom il-potenzjal itaffu l-impatti soċjo-ekonomiċi tat-tranżizzjoni u tal-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, jista' jissaħħaħ l-appoġġ għall-apprendistati, għad-diġitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-VET kif ukoll l-aċċelerazzjoni tar-riformi tal-VET li jappoġġaw l-implimentazzjoni bla ntoppi tal-programmi ta' taħriġ mill-ġdid ta' kwalità għal dawk li jaħdmu f'setturi li ntlaqtu bil-kbir mill-kriżi.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-
ġustizzja soċjali u r-reżiljenza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 166 u 165 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³⁸ tirrikonoxxi l-edukazzjoni u l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u kontinwu bħala dritt, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti jipprevedu li sal-2030³⁹ ikun hemm aċċess ugwali għan-nisa u għall-irġiel kollha għall-edukazzjoni teknika, vokazzjonali u terzjarja kif ukoll għall-università bi prezz raġonevoli u ta' kwalità, u żieda sostanzjali fin-numru ta' żgħażaġh u adulti li jkollhom ħiliet rilevanti, inklużi ħiliet tekniċi u vokazzjonali, għall-impjiegi, għall-impjiegi deċenti u għall-intraprenditorija.
- (2) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁴⁰, li ġie pproklammat fis-17 ta' Novembru 2017 jistabbilixxi għadd ta' prinċipji li jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw sew, li jinkludu l-Prinċipju 1 dwar id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, għal taħriġ u apprendiment tul il-ħajja, u l-Prinċipju 4 dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi.
- (3) L-edukazzjoni vokazzjonali u s-sistemi ta' taħriġ ta' kwalità għolja u innovattivi jipprovdu lin-nies bil-ħiliet għal xogħol li jgħinuhom jaddattaw għat-trażizzjonijiet diġitali u ekonoloġiċi tewmin u jwettquhom, sabiex ikampaw mas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ma' skossi ekonomiċi, filwaqt li jappoġġaw ukoll it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali. Għaldaqstant jipprovduhom ħiliet li jgħinuhom jiksibu l-impjiegi mitluba fis-suq tax-xogħol jew li jgħolquhom.
- (4) Kif stabbilit fl-Artikolu 145 tat-TFUE, politiki vokazzjonali sodi huma essenzjali wkoll biex jintlaħaq l-għan li tiġi promossa forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli u swieq tax-xogħol li jirreaġixxu f'waqthom għall-bidla ekonomika.
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew"⁴¹ hi l-istrateġija l-għdida tal-Ewropa għat-tkabbir li għandha l-għan tbiddel l-ekonomija u s-soċjetà tagħha u tqiegħedhom fi triq aktar sostenibbli. L-iskejjel, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-universitajiet jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jinvolvu l-iskulari, il-ġenituri, in-negozji u l-komunità b'mod ġenerali fil-bidliet meħtieġa għal tranżizzjoni

³⁸ ĠU C 326, 26.10.2012.

³⁹ <https://sustainabledevelopment.un.org/?menu=1300>

⁴⁰ Doc. 13129/17.

⁴¹ COM(2019) 640 final

b'suċċess. Hemm bżonn ta' ħiliet proattivi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet biex jaħsdu l-benefiċċji tat-tranżizzjoni ekoloġika.

- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti”⁴² tenfasizza l-ħtieġa li niffukaw fuq il-ħiliet, l-impjegabbiltà u l-kapital uman permezz ta' Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza⁴³, akkumpanjata minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-Komunikazzjoni ttabbar ukoll hídma ulterjuri dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u qafas ġdid ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-Istati Membri.
- (7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa⁴⁴ tappella għal azzjoni deċiżiva sabiex l-apprendiment tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd u jiġi ggarantit li l-edukazzjoni u t-taħriġ iżommu mal-pass tat-tranżizzjonijiet tewmin. Tappella wkoll sabiex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għolja jipprovdu aktar xjentisti, inġiniera u tekniċi għas-suq tax-xogħol. Il-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari⁴⁵ u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁴⁶ jenfasizzaw ir-rwol kruċjali tal-ħiliet fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u nadifa.
- (8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali⁴⁷ tenfasizza li d-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati jew ta' maniġers b'esperjenza saret l-aktar problema importanti għal kwart mill-kumpanija mikro, żgħira u ta' daqs medju tal-UE (SMEs)⁴⁸ u li n-nuqqas ta' impjegati b'ħiliet speċjalizzati hu l-akbar ostakolu għall-investiment il-ġdid mal-UE kollha⁴⁹. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma partikolarment rilevanti għall-SMEs biex jiżguraw li l-forza tax-xogħol tagħhom għandhom il-ħiliet meħtieġa.
- (9) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija dwar l-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025⁵⁰ tenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għan-nisa u għall-irġiel biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fi professjonijiet li huma tradizzjonalment iddominati mill-irġiel jew min-nisa, biex tindirizza l-istereotipi tal-ġeneri.
- (10) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-baġit tal-UE li jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa⁵¹ jistabbilixxi pjan ambizzjuż u innovattiv għall-irkupru Ewropew. Dan il-pjan huwa msejjes fuq is-solidarjetà u l-ġustizzja, u għandu l-għeruw tiegħu fil-prinċipji u l-valuri kondiviżi tal-Unjoni. Il-pjan jistipula kif l-ekonomija Ewropeja għandha titqajjem, kif tingħata spinta lit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u kif tista' ssir aktar ġusta, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.
- (11) Mill-2013 'l hawn, l-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġh⁵² għenet liż-żgħażaġh jidħlu fis-suq tax-xogħol billi offritilhom offerta ta' impjeg ta' kwalità; edukazzjoni

⁴² COM(2020) 14 final

⁴³ COM(2020) 274 final

⁴⁴ COM(2020) 102 final

⁴⁵ COM(2020) 98 final

⁴⁶ COM(2020) 380 final

⁴⁷ COM(2020) 103 final

⁴⁸ Stħarriġ SAFE 2019, https://www.ecb.europa.eu/stats/ecb_surveys/safe/html/index.en.html

⁴⁹ Rapport ta' Investiment tal-BEI 2018/2019, <https://www.eib.org/en/publications/investment-report-2018>

⁵⁰ COM(2020) 152 final

⁵¹ COM(2020) 442 final

⁵² ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1-6.

kontinwa, apprendistati jew traineeships fi żmien erba' xhur minn mindu saru qiegħda jew li telqu mill-iskola. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kienu effettivi fit-tranżizzjoni bla ntoppi lejn is-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh li kienu f'riskju li jiġu esklużi. Fil-ġejjieni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali attraenti u rilevanti għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-apprendistati jistgħu jkollhom rwol aktar b'saħħtu fl-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex jipprevjenu liż-żgħażaġh milli jisfaw qiegħda u jħejjuhom għall-opportunitajiet tal-ġejjieni tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bħala parti mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- (12) Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għandha l-għan li tiżgura rilevanza aħjar tas-suq tax-xogħol tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll aċċess ugwali għal opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja għal kulħadd, permezz ta' perkorsi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid.
- (13) Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jipprovdi li n-natura integrata tal-programm 2014–2020 li tkopri l-apprendiment fil-kuntasti kollha — formali, mhux formali u informali, u f'kull stadju tal-ħajja — jenħtieġ li tinżamm sabiex tagħti spinta lill-modi ta' tagħlim flessibbli li jippermettu lill-individwi jiżviluppaw dawk il-kompetenzi li huma meħtieġa sabiex jiffaċċjaw l-isfidi tas-seklu wieħed u għoxrin.
- (14) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq għadd ta' inizjattivi fil-qasam tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-ħiliet li ġew żviluppatti fuq livell Ewropew, kif miġbur fil-qosor fl-Anness I u se tikkontribwixxi għall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, għall-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u għall-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
- (15) Din ir-Rakkomandazzjoni tissodisfa l-oġettiv taż-żona Ewropea tal-Edukazzjoni li jiġi żviluppat spazju ġenwin ta' apprendiment Ewropew fejn l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja u inklussivi mhumie x imfixkla mill-fruntieri u li għandha l-għan li jteħhi x-xkiel għar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' edukazzjoni għolja, ta' tluq mill-iskola u tal-perjodi ta' apprendiment barra minn pajjiż, u li taħdem lejn validazzjoni transfruntiera bla ntoppi tat-taħriġ u ta' ċertifikati ta' apprendiment tul il-ħajja.
- (16) Imsejsa fuq il-prijoritajiet ta' kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (il-proċess ta' Copenhagen), li ġiet adottata bħala Riżoluzzjoni tal-Kunsill fid-19 ta' Diċembru 2002⁵³, l-oġettivi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja u flessibbli, u ta' mobbiltà transnazzjonali baqgħu fil-qalba tal-viżjoni globali għall-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ddefiniti fl-2010 mill-Ministri inkarigati fil-Komunikazzjoni ta' Bruges⁵⁴.
- (17) Fil-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015⁵⁵, il-Ministri inkarigati mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qablu dwar sett ta' prijoritajiet li jappoġġaw il-kisba ta' din il-viżjoni, kif integrat fir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)⁵⁶ u fl-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-

⁵³ ĠU C 13, 18.1.2003

⁵⁴ <https://www.cedefop.europa.eu/en/content/bruges-communique>

⁵⁵ https://www.izm.gov.lv/images/RigaConclusions_2015.pdf

⁵⁶ ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25-35.

2016⁵⁷ li tat imbuttatura qawwiya oħra lill-politika tal-VET tal-Unjoni b'fokalizzazzjoni akbar fuq l-attrazzjoni u l-kwalità.

- (18) Ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ("EQAVET")⁵⁸ stipulat qafas ta' referenza li jappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-kwalità tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tagħhom u li jikkontribwixxi għal trasparenza akbar tal-iżviluppi ta' politika fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bejn l-Istati Membri. Tul l-għaxar snin tal-implimentazzjoni tiegħu, l-EQAVET stimula riformi fis-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità nazzjonali, iżda ma kkontribwixx b'mod sinifikanti għat-titjib tat-trasparenza tal-arranġamenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Barra minn hekk, dan ġie applikat fil-biċċa l-kbira għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali fl-ambitu tal-iskejjel. Għalhekk jenħtieġ li l-qafas tal-EQAVET tal-2009 jiġi integrat f'din ir-Rakkomandazzjoni u li jinżiedu elementi li jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni tiegħu fir-rigward mal-kwalità tal-eżiti tal-apprendiment, maċ-ċertifikazzjoni u mal-valutazzjoni, mal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, mar-rwol tal-għalliema u ta' min iħarreġ, mal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u mal-flessibbiltà tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Sabiex jittejjeb l-apprendiment reċiproku, tissaħħaħ it-trasparenza u l-konsistenza tal-arranġamenti ta' assurazzjoni tal-kwalità fil-forniment tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri tal-UE, jenħtieġ li jiġu introdotti rieżamijiet bejn il-pari fil-livell tal-UE ta' assurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema.
- (19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ("ECVET")⁵⁹ stabbilixxiet l-oġettiv li ttejjeb ir-rikonoxximent, l-akkumulazzjoni u t-trasferiment tal-eżiti tal-apprendiment, li tappoġġa l-mobbiltà u l-apprendiment tul il-ħajja kif ukoll li tistabbilixxi sistema ta' krediti tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Tul l-għaxar snin tal-implimentazzjoni tagħha, l-ECVET ikkontribwiet b'mod ġenerali għall-iżvilupp ta' esperjenza ta' mobbiltà ta' kwalità aħjar permezz tal-użu u tad-dokumentazzjoni ta' unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment. Madankollu, il-kunċett tal-punti tal-ECVET b'mod ġenerali, ma ġie applikat u l-ECVET ma wasslitx għall-iżvilupp ta' sistema Ewropea ta' krediti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tinkludi l-prinċipji ewlenin tal-ECVET (eż. unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment) marbuta mal-flessibbiltà. L-għodod tal-ECVET (eż. ftehim ta' apprendiment u memorandum ta' qbil) li jappoġġaw il-mobbiltà ta' studenti vokazzjonali, għandhom jiġu żviluppati aktar fil-qafas ta' strumenti oħra tal-UE bħal dawk appoġġati mill-programm Erasmus+. Is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti tista' tiġi applikata għall-kwalifiki vokazzjonali fil-livell postsekondarju u dak terzjarju, kif diġà qed isir.
- (20) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi⁶⁰ tidentifika 14 il-kriterju kruċjali li jenħtieġ li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jużaw biex jiżviluppaw apprendistati ta' Kwalità u Effettivi filwaqt li jiġi żgurat kemm l-iżvilupp tal-ħiliet marbuta max-xogħol kif ukoll l-iżvilupp personali tal-apprendisti.

⁵⁷ COM(2016) 381 final.

⁵⁸ ĠU C 155, 8.7.2009.

⁵⁹ ĠU C 155, 8.7.2009.

⁶⁰ ĠU C 153, 2.5.2018.

- (21) Il-monitoraġġ tas-Cedefop tal-prijoritajiet miftehma fil-konklużjonijiet ta' Riga tat-22 ta' Ġunju 2015 juri għadd ta' oqsma fejn il-pajjiżi mxew 'l quddiem fir-rigward tal-aġenda ta' modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari b'rabta mal-apprendistati u mal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, mal-assigurazzjoni tal-kwalità, mat-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet u ta' korpi konsultattivi li jinvolvu s-sħab soċjali, maż-żieda tal-permeabbiltà u tal-flessibbiltà u dan l-aħħar saret enfasi akbar fuq il-ħiliet diġitali. Madankollu, fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali hemm il-ħtieġa li tiġi estiża u mtejbja b'mod sinifikanti l-offerta ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi għaż-żgħażaġh u għall-adulti, filwaqt li tiżdied ukoll l-attrawenza u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali.
- (22) Bosta pajjiżi għandhom inizjattivi stabbiliti li jippromwovu l-eċċellenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u li jżewwġu aħjar il-VET mal-innovazzjoni u mal-ekosistemi tal-ħiliet. Imsejsa fuq dawn l-eżempji, il-kunċett ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali qiegħed jitmexxa b'suċċess bil-ħsieb li jsiru punti ta' referenza fuq livell dinji għat-taħriġ f'oqsma speċifiċi kemm għat-taħriġ inizjali kif ukoll għat-titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid kontinwu.
- (23) Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Ġejjieni tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali⁶¹, adottata f'Diċembru 2018, il-Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali ("ACVT") stabbilixxa l-viżjoni għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali eċċellenti, inklużi u tul il-ħajja, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ġejjieni ġenerati minn bidliet ekonomiċi, teknoloġiċi u tas-soċjetà. Din l-Opinjoni stiednet lill-Kummissjoni biex ttejjji proposta biex tissimplifika u tikkonsolida l-qafas ta' politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-governanza u l-istrumenti eżistenti tagħha fis-sura ta' Rakkomandazzjoni ġenerali tal-Kunsill.
- (24) Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jinftehm u bħala l-edukazzjoni u t-taħriġ bl-għan li ż-żgħażaġh u l-adulti jingħataw l-għarfien, in-know-how, il-ħiliet u/jew il-kompetenzi meħtieġa fi professjonijiet partikolari jew b'mod aktar ġenerali fis-suq tax-xogħol u dawn jistgħu jiġu pprovduti f'ambjenti formali u mhux formali, fil-livelli kollha tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, inkluż il-livell terzjarju.
- (25) Minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħha, din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u jenħtieġ li tiġi implimentata f'konformità mal-liġi Ewropea u mal-liġi u l-prattika nazzjonali. B'mod partikolari, din ir-Rakkomandazzjoni hi mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE⁶² kif emendata bid-Direttiva 2013/55/KE⁶³ dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-reġim ta' rikonoxximent awtomatiku previsti fiha.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

- (a) jaħdmu lejn l-implimentazzjoni ta' politika ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali tal-Unjoni li:
- *jgħammru liż-żgħażaġh u lill-adulti bil-ħiliet biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà li qed jevolvu u jimmaniġġjaw l-irkupru u t-tranżizzjonijiet ġusti għall-ekonomija ekoloġika u diġitali fi żminijiet ta' tibdil demografiku u tul iċ-ċikli ekonomiċi kollha,*

⁶¹ <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=20479&langId=en>

⁶² ĠU L 255, 30.9.2005.

⁶³ ĠU L 354, 28.12.2013.

- *jiżguraw inklużività u opportunitajiet indaqs u jikkontribwixxu għall-kisba ta' reżiljenza, ġustizzja soċjali u prosperità u*
- *jistabbilixxu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali Ewropej bħala punt ta' referenza globali għall-iżvilupp tal-ħiliet;*
- (b) jiskjeraw azzjonijiet u investimenti għall-implimentazzjoni ta' din il-politika, f'konformità mal-prinċipji definiti hawn isfel fil-punti 1 sa 23 u
- (c) jaħdmu sabiex sal-2025 jiksbu l-**objettivi** li ġejjin li huma parti mill-oqfsa rilevanti ta' monitoraġġ Ewropej, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fil-politiki soċjali u tal-impjieġ:
 - jenħtieġ li s-sehem ta' gradwati impjegati jkun ta' mill-inqas 82 %⁶⁴;
 - **60 % tal-gradwati reċenti mill-VET jibbenefikaw minn esponiment għal apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol** tul l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tagħhom⁶⁵. Dan l-objettiv jirreferi għal kull għamla ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol u għaldaqstant se jikkontribwixxi għal żieda fl-opportunitajiet tal-apprendistati li jistgħu jiġu appoġġati mill-iskema ta' Garanzija għaż-żgħażaġh;
 - **8 % tal-istudenti fil-VET jibbenefikaw minn mobbiltà għal apprendiment barra mill-pajjiż**⁶⁶.

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali joffru l-flessibbiltà meħtieġa biex jaddattaw għall-bidliet tas-suq tax-xogħol

1. Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali joffru taħlita bbilanċjata ta' **ħiliet vokazzjonali u tekniċi** allinjati sew mal-impjiegi u mal-metodi ta' ħidma li qed jevolvu b'mod kostanti u **kompetenzi ewlenin**⁶⁷, li jinkludu ħiliet bażiċi sodi, diġitali, trasversali, ekoloġiċi u ħiliet oħra għall-ħajja li jipprovdu pedamenti sodi għar-reżiljenza, għall-impjegabbiltà tul il-ħajja, għall-inklużjoni soċjali, għaċ-ċittadinanza attiva u għall-iżvilupp personali;
2. Il-kurrikuli, l-offerti tal-programmi u l-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu aġġornati kontinwament bl-użu ta' **informazzjoni b'saħħitha dwar il-ħiliet** (jiġifieri sistemi ta' sħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, mekkaniżmi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet, inkluż fil-livelli settorjali u reġjonali);
3. Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom livell xieraq ta' **awtonomija, flessibbiltà, appoġġ u finanzjament** biex jadattaw malajr l-offerta ta' taħriġ tagħhom għall-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li jinbidlu, mat-tranżizzjoni ekoloġiċi u diġitali u maċ-ċikli ekonomiċi;
4. Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-livelli kollha jinkludu komponenti ta' **apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol** li jissoktaw jespandu wkoll

⁶⁴ Dan se jkopri l-grupp ta' età 20-34 li jkunu ta' mill-inqas kisbu l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u li jkunu waqfu l-edukazzjoni minn 1 sa 3 snin ilu.

⁶⁵ Dan se jkopri l-grupp ta' età 15-34 li jkunu waqfu l-edukazzjoni u t-taħriġ minn 1 sa 3 snin ilu. L-indikatur se jissejjes fuq id-*data* li se tinġabar mill-2021 bħala parti mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE.

⁶⁶ Dan se jitkejjel bħala s-sehem ta' studenti mobbli f'sena kalendarja, bħala proporzjon ta' koorti ta' gradwati tal-VET fl-istess sena. L-indikatur se jissejjes fuq id-*data* dwar il-mobbiltà li nkisbet mid-*data* tal-Erasmus+ u mid-*data* tal-gradwati tal-VET li nkisbet mill-UOE. Barra minn hekk, fejn xieraq, id-*data* mill-programmi ta' mobbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali tista' tintuża wkoll biex tikkomplimenta d-*data* mill-Erasmus+.

⁶⁷ Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja

għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi; **l-iskemi ta' apprendistati**⁶⁸ huma żviluppatti aktar, biex itejbu l-offerti tal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġh⁶⁹, u huma kumplimentati bl-appoġġ xieraq⁷⁰ u bil-miżuri biex tiġi stabbilita l-offerta tal-apprendistati, u jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi ta' kumpaniji żgħar;

Il-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' progressjoni jinsabu fil-qalba tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

5. Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma **personalizzati u ffukati fuq l-istudenti**, joffru aċċess għall-apprendiment wiċċ imb wiċċ, diġitali jew taħlita tat-tnejn, b'perkorsi flessibbli u modulari li jirrikonoxxu l-eżiti ta' apprendiment mhux formali u informali, u jiftħu t-triq għall-progress fil-karriera u fl-apprendiment; il-programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu huma ddisinjati biex ikunu jistgħu jiġu addattati malajr għall-ħtiġijiet tas-settur, tan-negozju jew għat-titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid tal-individwu;
6. Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissejsu fuq **moduli jew unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment** u jeżistu mekkaniżmi ta' validazzjoni li jippermettu t-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-akkumulazzjoni ta' eżiti tal-apprendiment tal-individwi bl-għan li jiksbu kwalifika, kwalifika parzjali, jew mikrokredenzjal, kif rilevanti⁷¹;

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma xprun għall-innovazzjoni u t-tkabbir u jħejju għal tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u għal professjonijiet ferm mitluba

7. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jkunu reżiljenti billi jiġu integrati fi strateġiji ekonomiċi, industrijali u ta' innovazzjoni, inklużi daww **marbuta mat-tranżizzjonijiet ta' rkupru, ekoloġiċi u diġitali**. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi estiża b'mod sinifikanti l-offerta ta' **edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi** billi titrawwem il-kisba ta' ħiliet intraprenditorjali, diġitali u ekoloġiċi kif meħtieġa mid-domanda;
8. **Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali** jaġixxu bħala katalizzaturi għall-investiment tan-negozju lokali, jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ta' rkupru, ekoloġiċi u diġitali, l-innovazzjoni Ewropea u reġjonali u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, l-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali f'livelli ta' kwalifiki oġhla (livelli 5 sa 8 tal-QEK) u jipprovdu servizzi innovattivi bħal raggruppamenti u inkubaturi tan-negozju għal negozji ġodda, u bħal innovazzjoni teknoloġika għall-SMEs, u jipprovdu wkoll soluzzjonijiet innovattivi ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema fir-riskju li jisfaw qiegħda;
9. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom aċċess għal infrastruttura tal-oġhla livell ta' żvilupp tekniku, għandhom **strateġiji ta' diġitalizzazzjoni**⁷² stabbiliti u jinkorporaw is-sostenibbiltà ambjentali u soċjali fil-

⁶⁸ Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi

⁶⁹ Kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ

⁷⁰ Dawn jistgħu jinkludu ċentri ta' apprendiment fil-kumpaniji

⁷¹ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali

⁷² Pereżempju, l-għodda ta' awtoriflessjoni SELFIE tappoġġa l-istituzzjonijiet tal-VET fl-użu effettiv tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim u għall-apprendiment u ttejjeb il-koooperazzjoni tagħhom mal-impjegati fi skemi ta' apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol.

programmi u fil-ġestjoni organizzattiva tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma għażla attraenti msejsa fuq forniment modern u diġitalizzat tat-taħriġ/tal-ħiliet

10. **Il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ogħla** fil-livelli 5 sa 8 tal-QEK huma żviluppati aktar biex jappoġġaw ħtiġijiet dejjem akbar għal ħiliet vokazzjonali ogħla;
11. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huma parti mill-**kontinwazzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja** u twaqqfu perkorsi **flessibbli u permeabbli** kemm bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali kif ukoll dak kontinwu, l-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja;
12. Il-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jitwasslu permezz ta' taħlita xierqa ta' **ambjenti ta' apprendiment miftuħa, diġitali u parteċipattivi**, li jinkludu l-postijiet tax-xogħol li jħeġġu l-apprendiment u huma appoġġati minn infrastruttura, tagħmir u teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku kif ukoll aċċessibbli, u minn pedagoġiji u għodod versatili, b'mod partikolari s-simulaturi bbażati fuq l-ICT, ir-realtà virtwali u awmentata li jżidu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tal-ġoti ta' taħriġ, inkluż għall-intrapriżi żgħar⁷³;
13. L-ġhalliema, min iħarreġ u l-manijers fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali iwettqu attivitajiet ta' żvilupp professjonali inizjali u kontinwu sabiex: joffru taħriġ ta' kwalità għolja; irawmu l-ħiliet tekniċi u diġitali u metodi ta' taħriġ innovattivi effettivi; jaħdmu ma' għodda ta' apprendiment diġitali, kif ukoll f'ambjenti differenti u multikulturali. Il-perkorsi tal-karriera tagħhom isiru aktar attraenti permezz ta' approċċi ta' rekrutazzjoni usa', eż. għall-ibridi⁷⁴, kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-ġhalliema/ħarrieġa vokazzjonali u l-kumpaniji;
14. L-istrateġiji ta' **internazzjonalizzazzjoni** jappoġġaw approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE; tali strateġiji jippromwovu prassi nazzjonali ta' suċċess mad-dinja kollha kif ukoll sehem f'**kompetizzjonijiet għall-ħiliet** internazzjonali;
15. Ġew stabbiliti opportunitajiet għall-**mobilità tal-apprendiment** ta' studenti u persunal vokazzjonali, li jinkludu l-mobilità virtwali, il-mobilità fit-tul u l-mobilità lejn pajjiżi terzi, li huma faċilitati bl-użu u r-rikonoxximent ta' unitajiet tal-eżiti tal-apprendiment u ta' għodod Ewropej rilevanti⁷⁵;
16. **Is-servizzi ta' gwida tul il-ħajja** ta' kwalità għolja, jagħmlu użu sħiħ mis-servizzi diġitali u jiżguraw li tingħata informazzjoni ċara u faċli lill-utent dwar l-

⁷³ Barra minn hekk, dawn jistgħu jinkludu tagħlim kollaborattiv, apprendiment interdixiplinari u msejjes fuq proġetti, metodi organizzattivi ġodda fl-istituzzjonijiet u fil-kumpaniji ta' taħriġ, kif ukoll l-intelliġenza artifiċjali.

⁷⁴ L-ġhalliema/ħarrieġa ibridi jirreferu għal tip ta' persunal li jaħdem parti mill-ħin f'kumpanija u parti mill-ħin bħala għalliem fi skola jew ċentru vokazzjonali. Dan l-approċċ għandu l-potenzjal jikkontribwixxi għal arranġamenti ta' kooperazzjoni akbar bejn l-iskejjel tal-VET u l-kumpaniji b'mod aktar strutturat u ta' spiss. L-ġhalliema ibridi jistgħu jwasslu għall-innovazzjoni meħtieġa fl-ambitu tal-iskejjel u jistgħu jindirizzaw l-iskarsezza dejjem akbar kif ukoll it-tixjiħ demografiku tal-ġhalliema vokazzjonali. Il-kunċett jipprovdi perspettivi interessanti għal karriera għall-individwi u jipprovdi benefiċċji kemm għall-iskejjel kif ukoll għall-kumpaniji, forst oħrajn permezz tal-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-paga.

⁷⁵ Pereżempju, mudelli għall-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Apprendiment

opportunitajiet ta' apprendiment u ta' karriera, u dwar l-opportunitajiet ta' validazzjoni fl-UE kollha;

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jippromwovu opportunitajiet indaqs

17. **Il-programmi tal-VET huma inklużivi** għall-gruppi vulnerabbli li jinkludu l-persuni b'diżabbiltà, l-adulti b'livell baxx ta' skola/ħiliet, il-minoranzi etniċi u razzjali, il-persuni li ġejjin minn kuntast ta' migrazzjoni u l-persuni li għandhom inqas opportunitajiet minħabba l-pożizzjoni ġeografika mbiegħda; Il-miżuri mmirati u l-formati flessibbli tat-taħriġ jipprevjenu t-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u jappoġġaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol;
18. Il-programmi tal-VET huma **aċċessibbli** permezz ta' pjattaformi ta' apprendiment diġitali, appoġġati minn għodod, apparati u konnessjoni tal-internet, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u għall-persuni li jgħixu f'żoni rurali jew imbiegħda;
19. Il-miżuri mmirati jippromwovu **l-bilanċ bejn il-ġeneri** fi professjonijiet "maskili" jew "femminili" u jindirizzaw stereotipi relatati mal-ġeneru u tipi oħra ta' stereotipi;

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissejsu fuq kultura ta' assigurazzjoni tal-kwalità

20. **Il-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità** (il-Qafas tal-EQAVET) kif deskritt fl-Anness II huwa integrat fis-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità, kemm għall-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inizjali kif ukoll għal dawk kontinwi; huwa jkopri l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-ambjenti kollha tal-apprendiment (pereżempju l-forniment fl-ambitu tal-iskejjel u l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, inklużi skemi ta' apprendistati) u t-tipi kollha ta' apprendiment (wiċċ imb wiċċ, diġitali jew taħlita tat-tnejn), mogħtija kemm mill-fornituri pubbliċi kif ukoll minn dawk privati u mirfuda minn sett ta' indikaturi komuni għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali applikati kemm fil-livell tas-sistema kif ukoll f'dak tal-fornitur, kif imniżżel fl-Anness II;
21. **Punt Nazzjonali ta' Referenza ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità** għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jissokta jiġbor flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livelli nazzjonali u reġjonali biex:
 - jittieħdu inizjattivi konkreti favur implimentazzjoni u żvilupp aħjar tal-Qafas tal-EQAVET,
 - jiġu infurmati u mobilizzati firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li jinkludu ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-EQAVET,
 - tiġi appoġġata awtoevalwazzjoni bħala mezz komplementari u effettiv għall-assigurazzjoni ta' kwalità li tippermetti li jitkejjel is-suċċess u l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn jinħtieġ titjib, inkluż fir-rigward tal-prontezza diġitali tas-sistemi u tal-istituzzjonijiet tal-VET
 - ikun hemm sehem attiv fin-netwerk Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,
 - tiġi pprovduta deskrizzjoni aġġornata tal-arranġamenti nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità abbażi tal-Qafas tal-EQAVET,

- ikun hemm involviment f'**rieżamijiet bejn il-pari**⁷⁶ fil-livell tal-UE tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex jitjiebu t-trasparenza u l-konsistenza tal-arranġamenti ta' assicurazzjoni tal-kwalità, u biex tissaħħaħ il-fiduċja bejn l-Istati Membri;

L-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali

Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din il-politika fil-livell nazzjonali, flimkien mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li:

22. Jiżguraw **sħubiji** pubbliċi-privati sostenibbli għall-governanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Jinvolvu s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-industriji u n-negozji ta' kull daqs, is-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, il-korpi intermedjarji bħall-kmamar tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġjanat, il-koordinaturi nazzjonali għall-Garanzija għaż-żgħażagħ, l-FSE u inizjattivi oħrajn tal-UE, is-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, ir-raggruppamenti, l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u tal-ġenituri, kif ukoll l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. Jippromwovu sħubijiet bħal dawn fil-livell reġjonali u f'dak settorjali;
23. Jagħmlu l-aħjar użu mill-**għodda ta' trasparenza Ewropej** bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), l-Europass u l-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO), jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki sħaħ jew parzjali, tal-mikrokredenzjali u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż⁷⁷, jippermettu lill-istudenti jużaw id-diversi aspetti tal-Europass (eż. jirreġistraw l-esperjenza, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fuq profil online li jgħinhom ifittxu karriera, jiksbu kredenzjali ffirmati diġitalment, u jirċievu pariri u jfittxu għal opportunitajiet ta' apprendiment u ta' impjiegi, għal kwalifiki, għal validazzjoni, għal rikonoxximent, eċċ.);
24. Jagħmlu l-aħjar użu tal-**fondi u tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea** li jappoġġaw riformi u/jew investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż dwar id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali, bħan-Next Generation UE, (il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew+, l-SURE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-InvestEU, l-Erasmus+, l-Orizzont Ewropa, l-Interreg, l-Ewropa Diġitali, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond għall-Modernizzazzjoni; jistimulaw aktar investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kemm mis-setturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati;
25. Jiddefinixxu **l-miżuri li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni** fuq livell nazzjonali fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha u jsegwu l-implimentazzjoni tagħha, inkluż permezz ta' allokkazzjonijiet ta' riżorsi

⁷⁶ Ir-rieżami bejn il-pari huwa tip ta' attività ta' apprendiment reċiproku bl-oġettiv li jappoġġa t-titjib u t-trasparenza ta' arranġamenti ta' assicurazzjoni tal-kwalità fil-livell tas-sistema, abbażi ta' metodoloġija speċifika li għandha tiġi żviluppata min-Netwerk Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

⁷⁷ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż

nazzjonali xierqa u b'enfasi qawwija fuq l-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni u tas-sostenibbiltà ambjentali mas-settur kollu tal-VET.

B'DAN JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

timplimenta l-politika tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, billi tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri, inkluż billi:

26. Tiżgura **governanza effettiva** tal-politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali permezz tal-Kumitat Konsultattiv tripartitiku dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, abbażi ta' programm ta' ħidma kontinwu u f'kooperazzjoni mad-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali⁷⁸, mar-rappreżentanti tal-istudenti u mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
27. Tiżgura li l-politika tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tiġi riflessa bis-siġh fit-tmexxija tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew, il-**Patt Ekoloġiku** Ewropew u l-**Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa** u tkun parti mill-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, il-qafas Ewropew globali għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ u **il-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**;
28. Issaħħaħ l-appoġġ għal **riformi strutturali tal-apprendistati** permezz tas-servizz ta' appoġġ għall-apprendistat u ta' spinta ġdida għall-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati f'sinerġija mal-iskema ta' Garanzija għaż-Żgħira; Tespandi **servizzi ta' appoġġ** gradwalment għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'kooperazzjoni mas-CEDEFOP;
29. Tappoġġa l-għan gradwalment biex jiġu stabbiliti u żviluppati 50 Pjattaforma Ewropea ta' **Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali** u tesplora l-**Profili Vokazzjonali Ewlenin Ewropej**, bħala parti mill-pjattaforma Ewropea u meta possibbli jkun kumplimentati b'kontenut diġitali vokazzjonali, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-mobbiltà tal-istudenti u tal-ħaddiema, ir-rikonossiment awtomatiku tal-kwalifiki, u l-iżvilupp ta' kurrikuli, kwalifiki u mikrokredenzjali konġunti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
30. Tappoġġa d-diġitalizzazzjoni kwalitattiva u effettiva tal-forniment tal-VET għall-apprendiment fl-iskejjel u fil-post tax-xogħol billi tippromwovi l-użu tal-oqfsa ta' kompetenza Ewropej u tal-għodod ta' awtovalutazzjoni, bħas-SELFIE⁷⁹ u tesplora l-fattibbiltà ta' sħarriġ mal-UE kollha għall-iskejjel tal-VET;
31. Tippromwovi l-**Edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali Ewropej bħala punt ta' referenza globali għall-iżvilupp tal-ħiliet**, kif ukoll permezz tal-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u tas-sistemi ta' taħriġ f'kooperazzjoni mal-ETF, mal-kompetizzjonijiet tal-ħiliet u mal-kampanji ta' komunikazzjoni li jżidu l-attraenza u d-dehra tal-VET u jipprovdu aċċess faċli għall-utent għat-tagħrif dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u dwar l-opportunitajiet relatati għall-karriera, filwaqt li jiżviluppaw aktar il-karatteristiċi tal-Europass;
32. Tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, issaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, inklużi d-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom, u tippromwovi r-riċerka fil-VET kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE

⁷⁸ Id-Diretturi Ġenerali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali jinħatru mill-Istati Membri; il-Kummissjoni żżomm il-lista tagħhom, abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri.

⁷⁹ https://ec.europa.eu/education/schools-go-digital/about-selfie_mt

permezz ta' finanzjament mill-**fondi u mill-programmi rilevanti tal-Unjoni** (in-Next Generation EU, (il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-REACT-EU), il-Fond Soċjali Ewropew+, l-SURE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-InvestEU, l-Erasmus+, l-Orizzont Ewropa, l-Interreg, l-Ewropa Diġitali, il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond għall-Modernizzazzjoni);

33. Tiżgura **monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv** f'konformità mal-oġettivi komuni definiti f'din ir-Rakkomandazzjoni kif ukoll *data* rilevanti oħra, inkluż dwar l-investiment, u li din id-*data* tiddaħħal fis-Semestru Ewropew u f'oqfsa Ewropej oħra rilevanti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar u **tirrapporta** lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni kull ħames snin, abbażi tal-monitoraġġ annwali tas-Cedefop.

Din ir-Rakkomandazzjoni tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ("EQAVET"), u r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali ("ECVET").

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*